**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2018/0210(COD)**

19.12.2019

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2018)0390 – C8-0270/2018 – 2018/0210(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Younous Omarjee

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-Unjoni, li hija attur dinji fil-qasam tal-oċeani u l-ħames l-akbar ***produttur*** ta' frott tal-baħar, għandha responsabbiltà kbira ta' protezzjoni, ta' konservazzjoni u ta' użu sostenibbli tal-oċeani u r-riżorsi tagħhom. Il-preżervazzjoni tal-ibħra u tal-oċeani hija tabilħaqq essenzjali għall-popolazzjoni dinjija li qiegħda tikber b'mod mgħaġġel. Hija wkoll ta' interess soċjoekonomiku għall-Unjoni: l-ekonomija blu sostenibbli tħeġġeġ l-investiment u tagħti spinta lill-impjiegi u lit-tkabbir, trawwem ir-riċerka u l-innovazzjoni u tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija permezz tal-enerġija mill-oċeani. Barra minn hekk, ibħra u oċeani b'element ta' sigurtà u ta' sikurezza huma essenzjali għall-kontroll tal-fruntieri u għall-ġlieda dinjija kontra l-kriminalità marittima, u dan jippermettilna nindirizzaw it-tħassib taċ-ċittadini dwar is-sigurtà. | (2) L-Unjoni, li hija attur dinji fil-qasam tal-oċeani***, l-Unjoni li hija, bis-saħħa tar-reġjuni ultraperiferiċi*** u ***tal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej, li hija l-akbar żona marittima fid-dinja, u l-Unjoni li hija*** l-ħames ***fost*** l-akbar ***produtturi*** ta' frott tal-baħar, għandha responsabbiltà kbira ta' protezzjoni, ta' konservazzjoni u ta' użu sostenibbli ***tal-ibħra,*** tal-oċeani u r-riżorsi tagħhom. Il-preżervazzjoni tal-ibħra u tal-oċeani hija tabilħaqq essenzjali għall-popolazzjoni dinjija li qiegħda tikber b'mod mgħaġġel. Hija wkoll ta' interess soċjoekonomiku għall-Unjoni: l-ekonomija blu sostenibbli tħeġġeġ l-investiment u tagħti spinta lill-impjiegi u lit-tkabbir, trawwem ir-riċerka u l-innovazzjoni u tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija permezz tal-enerġija ***mill-baħar u*** mill-oċeani. Barra minn hekk, ibħra u oċeani b'element ta' sigurtà u ta' sikurezza huma essenzjali għall-kontroll tal-fruntieri u għall-ġlieda dinjija kontra l-kriminalità marittima, u dan jippermettilna nindirizzaw it-tħassib taċ-ċittadini dwar is-sigurtà. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Ir-Regolament (UE) xx/xx tal- | (3) Ir-Regolament (UE) xx/xx tal- |

| | |
|---|---|
| Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament li ***jistabblixxi*** Dispożizzjonijiet Komuni] (***ir-Regolament*** dwar Dispożizzjonijiet Komuni")[3] ġie adottat biex tittejjeb il-koordinazzjoni u biex tiġi armonizzata l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-Fondi b'ġestjoni kondiviża ("il-Fondi"), bl-għan ewlieni li jiġi ssimplifikat b'mod koerenti t-twettiq tal-politiki. Dawk id-dispożizzjonijiet komuni japplikaw għall-parti tal-FEMS li hija taħt ġestjoni kondiviża. Il-Fondi għandhom għanijiet komplimentari u l-istess mod ta' ġestjoni. Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] jistipula sensiela ta' għanijiet ġenerali komuni u prinċipji ġenerali, bħas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli. Dak ir-Regolament fih ukoll l-elementi komuni tal-ippjanar strateġiku u tal-ipprogrammar, fosthom dispożizzjonijiet dwar il-Ftehim ta' Sħubija li se jiġi konkluż ma' kull Stat Membru, u jistabbilixxi approċċ komuni biex il-Fondi jintużaw f'direzzjonijiet li jtejbu l-prestazzjoni. Għalhekk, dan jinkludi kundizzjonijiet abilitanti, analiżi tal-prestazzjoni, u l-arranġamenti għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni. Ġew stabbiliti wkoll dispożizzjonijiet komuni fir-rigward tar-regoli ta' eliġibbiltà, u ġew iddefiniti arranġamenti speċjali għall-istrumenti finanzjarji ***u għall-użu tal-InvestEU***, għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u għall-ġestjoni finanzjarja. Xi arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll huma wkoll komuni għall-Fondi kollha. Il-komplementarjetajiet bejn il-Fondi, fosthom il-FEMS, u programmi oħrajn tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu deskritti fil-Ftehim ta' Sħubija, bi qbil mar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. | Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament li ***jistabbilixxi*** Dispożizzjonijiet Komuni] (***ir-"Regolament*** dwar Dispożizzjonijiet Komuni")[3] ġie adottat biex tittejjeb il-koordinazzjoni u biex tiġi armonizzata l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-Fondi b'ġestjoni kondiviża ("il-Fondi"), bl-għan ewlieni li jiġi ssimplifikat b'mod koerenti t-twettiq tal-politiki. Dawk id-dispożizzjonijiet komuni japplikaw għall-parti tal-FEMS li hija taħt ġestjoni kondiviża. Il-Fondi għandhom għanijiet komplimentari u l-istess mod ta' ġestjoni. Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] jistipula sensiela ta' għanijiet ġenerali komuni u prinċipji ġenerali, bħas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli. Dak ir-Regolament fih ukoll l-elementi komuni tal-ippjanar strateġiku u tal-ipprogrammar, fosthom dispożizzjonijiet dwar il-Ftehim ta' Sħubija li se jiġi konkluż ma' kull Stat Membru, u jistabbilixxi approċċ komuni biex il-Fondi jintużaw f'direzzjonijiet li jtejbu l-prestazzjoni. Għalhekk, dan jinkludi kundizzjonijiet abilitanti, analiżi tal-prestazzjoni, u l-arranġamenti għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni. Ġew stabbiliti wkoll dispożizzjonijiet komuni fir-rigward tar-regoli ta' eliġibbiltà, u ġew iddefiniti arranġamenti speċjali għall-istrumenti finanzjarji, għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u għall-ġestjoni finanzjarja. Xi arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll huma wkoll komuni għall-Fondi kollha. Il-komplementarjetajiet bejn il-Fondi, fosthom il-FEMS, u programmi oħrajn tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu deskritti fil-Ftehim ta' Sħubija, bi qbil mar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. |
| [3] ĠU C […], […], p. […]. | [3] ĠU C […], […], p. […]. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (5) B'direzzjoni diretta, jenħtieġ li l-FEMS jiżviluppa sinerġiji u komplementarjetajiet ma' fondi u programmi oħrajn rilevanti tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li jippermetti wkoll il-finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit implimentati bi qbil mar-Regolament (UE) xx/xx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar l-InvestEU][5].*** | (5) B'direzzjoni diretta, jenħtieġ li l-FEMS jiżviluppa sinerġiji u komplementarjetajiet ma' fondi u programmi oħrajn rilevanti tal-Unjoni. |
| [5] ĠU C […], […], p. […]. | [5] ĠU C […], […], p. […]. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (8) Il-qafas finanzjarju pluriennali stabbiliti fir-Regolament (UE) xx/xx[6] jipprevedi li l-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jkompli jsostni s-sajd u l-politiki marittimi. ***Bil-prezzijiet attwali*** l-baġit tal-FEMS***, huwa mistenni li jammonta għal EUR 6 140 000 000***. Ir-riżorsi tal-FEMS jenħtieġ li jinqasmu bejn il-ġestjoni kondiviża, il-ġestjoni diretta u l-ġestjoni indiretta. ***EUR 5 311 000 000 jenħtieġ li jkunu allokati għall-appoġġ b'ġestjoni kondiviża u EUR 829 000 000 għall-appoġġ b'ġestjoni diretta u indiretta.*** Biex tkun żgurata l-istabbiltà, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam mal-ksib tal-għanijiet tal-PKS, id-definizzjoni tal-allokazzjonijiet nazzjonali b'ġestjoni kondiviża għall-perjodu ta' ***pprogrammar*** tal-2021 sal-2027 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-ishma | (8) Il-qafas finanzjarju pluriennali stabbiliti fir-Regolament (UE) xx/xx[6] jipprevedi li l-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jkompli jsostni s-sajd u l-politiki marittimi. ***Huwa xieraq li*** l-baġit tal-FEMS ***iżomm xejn inqas mill-istess livell bħall-perjodu 2014-2020***. Ir-riżorsi tal-FEMS jenħtieġ li jinqasmu bejn il-ġestjoni kondiviża, il-ġestjoni diretta u l-ġestjoni indiretta. Biex tkun żgurata l-istabbiltà, b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam mal-ksib tal-għanijiet tal-PKS, id-definizzjoni tal-allokazzjonijiet nazzjonali b'ġestjoni kondiviża għall-perjodu ta' ***pprogrammar*** tal-2021 sal-2027 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-ishma tal-FEMS tal-perjodu 2014 sal-2020. Jenħtieġ li jiġu riżervati ammonti speċifiċi għar-reġjuni ***ultraperiferiċi***, għall-kontroll u l-infurzar u għall-ġbir u l-ipproċessar tad- |

tal-FEMS tal-perjodu 2014 sal-2020. Jenħtieġ li jiġu riżervati ammonti speċifiċi għar-reġjuni ***ultraperiferiċi***, għall-kontroll u l-infurzar u għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data kemm għall-ġestjoni tas-sajd kif ukoll għall-finijiet xjentifiċi, filwaqt li l-ammonti għall-waqfien permanenti u għall-waqfien straordinarju mill-attivitajiet tas-sajd jenħtieġ li jkunu limitati.

data kemm għall-ġestjoni tas-sajd kif ukoll għall-finijiet xjentifiċi, filwaqt li l-ammonti għall-waqfien permanenti u għall-waqfien straordinarju mill-attivitajiet tas-sajd jenħtieġ li jkunu limitati.

---

[6] ĠU C […], […], p. […].

[6] ĠU C […], […], p. […].

Emenda 5

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Is-settur marittimu Ewropew jimpjega aktar minn ħames miljun ruħ u jiġġenera kważi EUR 500 biljun fis-sena, b'potenzjal li joħloq ħafna aktar impjiegi. L-output tal-ekonomija globali mill-oċeani attwalment huwa stmat EUR 1,3 triljuni, u dan jaf jiżdied aktar mid-doppju sal-2030. Il-ħtieġa li ***jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet tad-diossidu*** tal-karbonju, li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u li titnaqqas l-impronta ambjentali tal-ekonomija blu mexxiet l-impenn lejn l-innovazzjoni f'setturi oħrajn, bħal dak tat-tagħmir marittimu, tal-bini tal-bastimenti, tal-osservazzjoni tal-oċeani, tat-tħammil, tal-protezzjoni tal-kosta, u tal-bini marittimu. L-investiment fl-ekonomija marittima ġie ffinanzjat bil-fondi strutturali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-FEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (il-FEMS). ***Jenħtieġ li*** jintużaw għodod ġodda tal-investiment, bħall-InvestEU biex jintlaħaq il-potenzjal tat-tkabbir tas-settur. | (9) Is-settur marittimu Ewropew jimpjega aktar minn ħames miljun ruħ u jiġġenera kważi EUR 500 biljun fis-sena, b'potenzjal li joħloq ħafna aktar impjiegi. L-output tal-ekonomija globali mill-oċeani attwalment huwa stmat EUR 1,3 triljuni, u dan jaf jiżdied aktar mid-doppju sal-2030. Il-ħtieġa li ***jiġu rispettati l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi f'termini ta' emissjonijiet*** tal-karbonju, ***jirrikjedi li mill-inqas 30 % tal-baġit tal-Unjoni jintuża għal azzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Huwa ugwalment neċessarju*** li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u li titnaqqas l-impronta ambjentali tal-ekonomija blu ***li*** mexxiet ***u li għandha tkompli tmexxi*** l-impenn lejn l-innovazzjoni f'setturi oħrajn, bħal dak tat-tagħmir marittimu, tal-bini tal-bastimenti, tal-osservazzjoni tal-oċeani, tat-tħammil, tal-protezzjoni tal-kosta, u tal-bini marittimu. L-investiment fl-ekonomija marittima ġie ffinanzjat bil-fondi strutturali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-FEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (il-FEMS). ***Jistgħu*** jintużaw għodod ġodda tal-investiment, |

| | |
|---|---|
| | bħall-InvestEU biex jintlaħaq il-potenzjal tat-tkabbir tas-settur. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-FEMS wara l-2020 jenħtieġ li jkun ibbażat fuq arkitettura ssimplifikata mingħajr ma jiġu predefiniti miżuri u regoli tal-eliġibbiltà ddettaljati b'mod wisq preskrittiv. Minflok ma jsir hekk, jenħtieġ li jkunu deskritti oqsma ġenerali ta' appoġġ skont kull prijorità. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jfasslu l-programmi tagħhom fejn jindikaw l-aħjar mezzi biex jintlaħqu l-prijoritajiet. Għadd ta' miżuri diversi identifikati fil-programmi mill-Istati Membri jaf jiġu appoġġati skont ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], dment li jkunu koperti mill-oqsma tal-appoġġ identifikati f'dan ir-Regolament. Madankollu, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' operazzjonijiet li mhumiex eliġibbli biex jiġu evitati impatti detrimentali għall-konservazzjoni tas-sajd, pereżempju projbizzjoni ġenerali ta' investimenti li jżidu l-kapaċità tas-sajd. Barra minn hekk, l-investimenti u l-kumpensi għall-flotta tas-sajd jenħtieġ li jkunu strettament ikkundizzjonati mill-konsistenza mal-għanijiet ta' konservazzjoni tal-PKS. | (11) Il-FEMS wara l-2020 jenħtieġ li jkun ibbażat fuq arkitettura ssimplifikata mingħajr ma jiġu predefiniti miżuri u regoli tal-eliġibbiltà ddettaljati b'mod wisq preskrittiv. Minflok ma jsir hekk, jenħtieġ li jkunu deskritti oqsma ġenerali ta' appoġġ skont kull prijorità. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jfasslu l-programmi tagħhom fejn jindikaw l-aħjar mezzi biex jintlaħqu l-prijoritajiet. Għadd ta' miżuri diversi identifikati fil-programmi mill-Istati Membri jaf jiġu appoġġati skont ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni], dment li jkunu koperti mill-oqsma tal-appoġġ identifikati f'dan ir-Regolament. Madankollu, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' operazzjonijiet li mhumiex eliġibbli biex jiġu evitati impatti detrimentali għall-konservazzjoni tas-sajd, pereżempju projbizzjoni ġenerali ta' investimenti li jżidu l-kapaċità tas-sajd ***jew ta' prattiki ta' sajd dannużi għall-oċeani***. Barra minn hekk, l-investimenti u l-kumpensi għall-flotta tas-sajd jenħtieġ li jkunu strettament ikkundizzjonati mill-konsistenza mal-għanijiet ta' konservazzjoni tal-PKS. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***(12a) Il-FEMS għandu wkoll jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli l-oħra (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jenfasizza l-għanijiet li ġejjin:***

***a) SDG Nru 1 – Nuqqas ta' faqar: il-FEMS għandu jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-komunitajiet kostali l-aktar fraġli, b'mod partikolari dawk li jiddependu fuq riżerva waħda tal-ħut li tkun mhedda minn sajd żejjed, it-tibdil fil-klima u problemi ambjentali.***

***b) SDG Nru 3 – Saħħa u Benesseri għall-Persuni: il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tniġġis taż-żoni kostali, li huwa l-kawża għall-mard endemiku, u għandu jiżgura li l-prodotti tal-ikel mis-sajd u l-akkwakultura jkunu ta' kwalità tajba.***

***c) SDG Nru 7 – Enerġija nadifa u bi prezz raġonevoli: billi jiffinanzja l-ekonomija blu, il-FEMS għandu jappoġġja l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli mill-baħar u jiżgura li dan l-iżvilupp ikun kompatibbli mal-ħarsien tal-ambjent tal-baħar u mal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd.***

***d) SDG Nru 8 – Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku: il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ekonomija blu bħala fattur ta' tkabbir ekonomiku. Huwa għandu jiżgura wkoll li t-tkabbir ekonomiku jkun sors ta' impjiegi deċenti għall-komunitajiet kostali. Barra minn hekk, il-FEMS għandu jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjieda.***

***e) SDG Nru 12 – Konsum u produzzjoni responsabbli: il-FEMS għandu jikkontribwixxi għall-użu razzjonali tar-riżorsi naturali u jillimita l-ħela tar-riżorsi naturali u tal-enerġija.***

***f) SDG Nru 13 – Ġlieda kontra t-tibdil fil-klima Il-FEMS għandu jiddedika 30 % tal-baġit tiegħu għall-ġlieda kontra t-tibdil***

***fil-klima.***

***g) SDG Nru 14 – Konservazzjoni u użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Ewropea kellha rwol importanti fid-definizzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u impenjat ruħha f'kontribut sinifikanti għall-objettivi tagħha tas-17-il objettiv (Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni tal-22 ta' Novembru 2016 (COM (2016)0739).*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) F'dawn l-aħħar snin, permezz tal-PKS sar ħafna progress biex l-istokkijiet tal-ħut inġabu lura f'livelli tajbin, biex ***tinżied*** il-profitabbiltà tal-industrija tas-sajd tal-Unjoni, u biex jiġu kkonservati l-ekosistemi marini. Madankollu, għad fadal sfidi sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet soċjoekonomiċi u ambjentali tal-PKS. Dawn ***jeħtieġu*** li jitkompla l-appoġġ wara l-2020, speċjalment fil-baċiri tal-baħar, fejn il-progress sar aktar bil-mod. | (17) F'dawn l-aħħar snin, permezz tal-PKS sar ħafna progress biex l-istokkijiet tal-ħut inġabu lura f'livelli tajbin, biex ***tiżdied*** il-profitabbiltà tal-industrija tas-sajd tal-Unjoni, u biex jiġu kkonservati l-ekosistemi marini. Madankollu, għad fadal sfidi sostanzjali biex jintlaħqu l-għanijiet soċjoekonomiċi u ambjentali tal-PKS. Dawn ***jirrikjedu*** li jitkompla l-appoġġ wara l-2020, speċjalment fil-baċiri tal-baħar, fejn il-progress sar aktar bil-mod***, b'mod partikolari fil-baċiri l-aktar iżolati bħar-reġjuni ultraperiferiċi***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Is-sajd huwa essenzjali għall-għajxien u għall-patrimonju kulturali ta' bosta komunitajiet kostali fl-Unjoni, speċjalment f'dawk fejn is-sajjieda kostali ż-żgħar għandhom rwol importanti. Billi l-età medja ta' ħafna komunitajiet ta' sajjieda | (18) Is-sajd huwa essenzjali ***kemm*** għall-għajxien***, kif ukoll għat-tradizzjoni*** u għall-patrimonju kulturali ta' bosta komunitajiet kostali fl-Unjoni, speċjalment f'dawk fejn is-sajjieda kostali ż-żgħar għandhom rwol importanti***, bħal fir-*** |

| | |
|---|---|
| hija ogħla minn 50 sena, it-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet u d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet għadhom ta' sfida. | ***reġjuni ultraperiferiċi***. Billi l-età medja ta' ħafna komunitajiet ta' sajjieda hija ogħla minn 50 sena, it-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet u d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet għadhom ta' sfida. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) L-obbligu ta' ħatt l-art huwa wieħed mill-isfidi ewlenin tal-PKS. Huwa ssarraf f'tibdil sinifikanti għas-settur fil-prattiki tas-sajd, kultant bi spiża finanzjarja importanti. Għaldaqstant jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS jappoġġa l-innovazzjoni u l-investimenti li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, b'rata ta' intensità ta' għajnuna ogħla minn dik li tapplika għal operazzjonijiet oħrajn, bħall-investiment fi rkaptu tas-sajd selettiv, fit-titjib tal-infrastrutturi tal-portijiet, u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa. Jenħtieġ ukoll li l-FEMS jagħti rata ta' intensità massima tal-għajnuna ta' 100% għat-tfassil, l-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni ta' sistemi trasparenti għall-iskambju ta' opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri ("skambji ta' kwoti"), biex jiġi mmitigat l-effett tal-"ispeċijiet bi kwota limitanti" li jikkawża l-obbligu ta' ħatt l-art. | (21) L-obbligu ta' ħatt l-art huwa wieħed mill-isfidi ewlenin tal-PKS. Huwa ssarraf f'tibdil sinifikanti għas-settur fil-prattiki tas-sajd, kultant bi spiża finanzjarja importanti. Għaldaqstant jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS jappoġġa l-innovazzjoni u l-investimenti li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, b'rata ta' intensità ta' għajnuna ogħla minn dik li tapplika għal operazzjonijiet oħrajn, bħall-investiment fi rkaptu tas-sajd selettiv, fit-titjib tal-infrastrutturi tal-portijiet, ***fit-tnaqqis*** u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa. Jenħtieġ ukoll li l-FEMS jagħti rata ta' intensità massima tal-għajnuna ta' 100% għat-tfassil, l-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni ta' sistemi trasparenti għall-iskambju ta' opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri ("skambji ta' kwoti"), biex jiġi mmitigat l-effett tal-"ispeċijiet bi kwota limitanti" li jikkawża l-obbligu ta' ħatt l-art. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS ikun jista' jappoġġa wkoll l-innovazzjoni u l-investiment abbord il-bastimenti tas-sajd biex jittejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa, | (22) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS ikun jista' jappoġġa wkoll l-innovazzjoni u l-investiment abbord il-bastimenti tas-sajd biex jittejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa, |

| | |
|---|---|
| tas-sikurezza u tax-xogħol, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-kwalità tal-qabdiet. Madankollu, dan l-appoġġ ma għandux iwassal għal żieda fil-kapaċità tas-sajd jew fil-kapaċità tas-sejba tal-ħut, u ma jridx jingħata sempliċiment biex jiġu ssodisfati rekwiżiti li huma obbligatorji skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Bl-istruttura mingħajr miżuri preskrittivi, jenħtieġ li tkun responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddefinixxu r-regoli preċiżi tal-eliġibbiltà għal dawk l-investimenti. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd, jenħtieġ li jkun permess li tingħata għajnuna b'rata ta' intensità ogħla minn ta' operazzjonijiet oħrajn. | tas-sikurezza u tax-xogħol, ***il-protezzjoni tal-ambjent,*** l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-kwalità tal-qabdiet. Madankollu, dan l-appoġġ ma għandux iwassal għal żieda fil-kapaċità tas-sajd jew fil-kapaċità tas-sejba tal-ħut, u ma jridx jingħata sempliċiment biex jiġu ssodisfati rekwiżiti li huma obbligatorji skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Bl-istruttura mingħajr miżuri preskrittivi, jenħtieġ li tkun responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddefinixxu r-regoli preċiżi tal-eliġibbiltà għal dawk l-investimenti. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd, jenħtieġ li jkun permess li tingħata għajnuna b'rata ta' intensità ogħla minn ta' operazzjonijiet oħrajn. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Is-suċċess tal-PKS jiddependi mid-disponibbiltà tal-pariri xjentifiċi għall-ġestjoni tas-sajd, u minħabba f'hekk jiddependi wkoll mid-disponibbiltà tad-data dwar is-sajd. Minħabba l-isfidi u l-ispejjeż meħtieġa biex tinkiseb data li tkun affidabbli u sħiħa, jenħtieġ li jiġu appoġġati l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jiġbru u ***jipproċessaw id-data*** skont ir-Regolament (UE) Nru 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament dwar il-Qafas tal-Ġbir ta' Data")[9] u biex jikkontribwixxu għall-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jippermetti sinerġiji mal-ġbir u l-ipproċessar ta' tipi oħra ta' data marina. | (24) Is-suċċess tal-PKS jiddependi mid-disponibbiltà tal-pariri xjentifiċi għall-ġestjoni tas-sajd, u minħabba f'hekk jiddependi wkoll mid-disponibbiltà tad-data dwar is-sajd. Minħabba l-isfidi u l-ispejjeż meħtieġa biex tinkiseb data li tkun affidabbli u sħiħa, jenħtieġ li jiġu appoġġati l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jiġbru***, jipproċessaw*** u ***jaqsmu bejniethom data*** skont ir-Regolament (UE) Nru 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament dwar il-Qafas tal-Ġbir ta' Data")[9] u biex jikkontribwixxu għall-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jippermetti sinerġiji mal-ġbir***,*** u l-ipproċessar ***u l-iskambju*** ta' tipi oħra ta' data marina. |
| [9] Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas | [9] Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' |

| | |
|---|---|
| tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.06.2017, p. 1). | qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (ĠU L 157, 20.06.2017, p. 1). |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Minħabba l-isfidi li jeżistu biex jinkisbu l-għanijiet ta' konservazzjoni tal-PKS, jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS jappoġġa l-azzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd u tal-flotot tas-sajd. F'dan il-kuntest, kultant għadu meħtieġ l-appoġġ għall-addattament ta' ċerti segmenti tal-flotta u għal ċerti baċiri tal-baħar. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jkun strettament immirat lejn il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, u jkun immirat biex jikseb bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u ***l-opportunitajiet*** tas-sajd disponibbli. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS ikun jista' jappoġġa l-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd f'segmenti tal-flotta li fihom il-kapaċità tas-sajd ma tkunx proporzjonata ***mal-opportunitajiet*** tas-sajd disponibbli. Jenħtieġ li tali appoġġ ikun għodda tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-aġġustament tas-segmenti tal-flotta li jkollhom kapaċità strutturali żejda identifikata, kif previst fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u jenħtieġ li jkun implimentat billi jiġi skrappjat il-bastiment tas-sajd, inkella billi jiġi dekommissjonat u mmodifikat għal attivitajiet differenti. Jekk il-modifika retroattiva tkun se twassal biex ikun hemm aktar pressjoni tas-sajd rikreattiv fuq l-ekosistema tal-baħar, jenħtieġ li l-appoġġ jingħata biss jekk jikkonforma mal-PKS u mal-għanijiet tal- | (26) Minħabba l-isfidi li jeżistu biex jinkisbu l-għanijiet ta' konservazzjoni tal-PKS, jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS jappoġġa l-azzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd u tal-flotot tas-sajd. F'dan il-kuntest, kultant għadu meħtieġ l-appoġġ għall-addattament ta' ċerti segmenti tal-flotta u għal ċerti baċiri tal-baħar. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jkun strettament immirat lejn il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, u jkun immirat biex jikseb bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u ***r-riżorsi*** tas-sajd disponibbli. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS ikun jista' jappoġġa l-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd f'segmenti tal-flotta li fihom il-kapaċità tas-sajd ma tkunx proporzjonata ***mar-riżorsi*** tas-sajd disponibbli. Jenħtieġ li tali appoġġ ikun għodda tal-pjanijiet ta' azzjoni għall-aġġustament tas-segmenti tal-flotta li jkollhom kapaċità strutturali żejda identifikata, kif previst fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u jenħtieġ li jkun implimentat billi jiġi skrappjat il-bastiment tas-sajd, inkella billi jiġi dekommissjonat u mmodifikat għal attivitajiet differenti. Jekk il-modifika retroattiva tkun se twassal biex ikun hemm aktar pressjoni tas-sajd rikreattiv fuq l-ekosistema tal-baħar, jenħtieġ li l-appoġġ jingħata biss jekk jikkonforma mal-PKS u mal-għanijiet tal-pjanijiet pluriennali |

pjanijiet pluriennali rilevanti. Biex tkun żgurata l-konsistenza ***tal-addattament*** strutturali tal-flotta mal-għanijiet ta' konservazzjoni, l-appoġġ għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd jenħtieġ li jkun strettament b'kundizzjonijiet preċiżi u marbut mal-kisba tar-riżultati. Għalhekk jenħtieġ li dan jiġi implimentat biss b'"finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż, kif previst fir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. Skont dan il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jiġux rimburżati mill-Kummissjoni għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd skont l-ispejjeż reali li jkunu ġġarrbu, iżda skont li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet u li jkunu nkisbu r-riżultati. Biex jintlaħaq dan l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi f'att delegat tali kundizzjonijiet li jenħtieġ li jkunu marbutin mal-kisba tal-għanijiet ta' konservazzjoni tal-PKS.

rilevanti. Biex tkun żgurata l-konsistenza tal-addattament strutturali tal-flotta mal-għanijiet ta' konservazzjoni, l-appoġġ għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd jenħtieġ li jkun strettament b'kundizzjonijiet preċiżi u marbut mal-kisba tar-riżultati. Għalhekk jenħtieġ li dan jiġi implimentat biss b'"finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż, kif previst fir-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni]. Skont dan il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jiġux rimburżati mill-Kummissjoni għall-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd skont l-ispejjeż reali li jkunu ġġarrbu, iżda skont li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet u li jkunu nkisbu r-riżultati. Biex jintlaħaq dan l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi f'att delegat tali kundizzjonijiet li jenħtieġ li jkunu marbutin mal-kisba tal-għanijiet ta' konservazzjoni tal-PKS.

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Billi fil-biċċa l-kbira l-attivitajiet tas-sajd ma jistgħux ikunu previsti, jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal telf ekonomiku sinifikanti għas-sajjieda. Biex jittaffew dawk il-konsegwenzi, jenħtieġ li l-FEMS ikun jista' jappoġġa kumpens għall-waqfien straordinarju tal-attivitajiet tas-sajd li jkun irriżulta mill-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri ta' konservazzjoni, jiġifieri l-pjanijiet pluriennali, il-miri tal-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet, il-miżuri biex il-kapaċità tas-sajd tal-bastimenti tiġi addattata għall-opportunitajiet tas-sajd disponibbli u l-miżuri tekniċi, mill-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza, mill-interruzzjoni tal- | (27) Billi fil-biċċa l-kbira l-attivitajiet tas-sajd ma jistgħux ikunu previsti, jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal telf ekonomiku sinifikanti għas-sajjieda. Biex jittaffew dawk il-konsegwenzi, jenħtieġ li l-FEMS ikun jista' jappoġġa kumpens għall-waqfien straordinarju tal-attivitajiet tas-sajd li jkun irriżulta mill-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri ta' konservazzjoni, jiġifieri l-pjanijiet pluriennali, il-miri tal-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet, il-miżuri biex il-kapaċità tas-sajd tal-bastimenti tiġi addattata għall-opportunitajiet tas-sajd disponibbli u l-miżuri tekniċi, mill-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza, mill-interruzzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| applikazzjoni ta' xi ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli minħabba forza maġġuri, minħabba xi diżastru naturali jew xi inċident ambjentali. Jenħtieġ li l-appoġġ jingħata biss jekk l-impatt ta' dawn iċ-ċirkostanzi fuq is-sajjieda jkun sinifikanti, jiġifieri jekk l-attivitajiet kummerċjali tal-bastiment ikkonċernat jitwaqqfu għal mill-inqas 90 jum konsekuttiv, u jekk it-telf ekonomiku li jirriżulta mill-waqfien tas-sajd jammonta għal aktar minn 30 % tad-dħul annwali medju tan-negozju kkonċernat waqt perjodu speċifiku. Jenħtieġ li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sajd tas-sallur fil-kundizzjonijiet biex jingħata dan l-appoġġ. | applikazzjoni ta' xi ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli minħabba forza maġġuri, minħabba xi diżastru naturali jew xi inċident ambjentali. Jenħtieġ li l-appoġġ jingħata biss jekk l-impatt ***ekonomiku*** ta' dawn iċ-ċirkostanzi fuq is-sajjieda jkun sinifikanti, jiġifieri jekk l-attivitajiet kummerċjali tal-bastiment ikkonċernat jitwaqqfu għal mill-inqas 90 jum konsekuttiv, u jekk it-telf ekonomiku li jirriżulta mill-waqfien tas-sajd jammonta għal aktar minn 30 % tad-dħul annwali medju tan-negozju kkonċernat waqt perjodu speċifiku. Jenħtieġ li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sajd tas-sallur fil-kundizzjonijiet biex jingħata dan l-appoġġ. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Is-sajd kostali artiġjanali huwa s-sajd b'bastimenti b'tul ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat. Dak is-settur jirrappreżenta kważi 75 % tal-bastimenti tas-sajd kollha rreġistrati fl-Unjoni u kważi nofs l-impjiegi kollha fis-settur tas-sajd. L-operaturi tas-sajd kostali artiġjanali jiddependu b'mod partikolari fuq stokkijiet tal-ħut b'saħħithom għad-dħul ewlieni tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-FEMS jagħtihom trattament preferenzjali permezz ta' rata ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %, anki għall-operazzjonijiet marbuta mal-kontroll u l-infurzar, biex jinkoraġġixxi l-prattiki tas-sajd sostenibbli. Barra minn hekk, ċerti oqsma ta' appoġġ jenħtieġ li jkunu rriżervati għas-sajd artiġjanali fis-segmenti tal-flotta fejn il-kapaċità tas-sajd tkun f'bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli, jiġifieri l-appoġġ tax-xiri ta' bastimenti ***użati u*** tat-tibdil jew il-modernizzazzjoni tal-magni tal-bastimenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkludu fil-programm | (28) Is-sajd kostali artiġjanali huwa s-sajd b'bastimenti b'tul ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat. Dak is-settur jirrappreżenta kważi 75 % tal-bastimenti tas-sajd kollha rreġistrati fl-Unjoni u kważi nofs l-impjiegi kollha fis-settur tas-sajd. L-operaturi tas-sajd kostali artiġjanali jiddependu b'mod partikolari fuq stokkijiet tal-ħut b'saħħithom għad-dħul ewlieni tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-FEMS jagħtihom trattament preferenzjali permezz ta' rata ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %, anki għall-operazzjonijiet marbuta mal-kontroll u l-infurzar, biex jinkoraġġixxi l-prattiki tas-sajd sostenibbli. Barra minn hekk, ċerti oqsma ta' appoġġ jenħtieġ li jkunu rriżervati għas-sajd artiġjanali fis-segmenti tal-flotta fejn il-kapaċità tas-sajd tkun f'bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli, jiġifieri l-appoġġ tax-xiri ta' bastimenti***,*** tat-tibdil jew il-modernizzazzjoni tal-magni tal-bastimenti***, tat-tiġdid u r-rinnovament ta' infrastrutturi qodma jew ta' infrastrutturi*** |

| | |
|---|---|
| tagħhom pjan ta' azzjoni għas-sajd kostali artiġjanali, li jenħtieġ li jiġi ssorveljat skont l-indikaturi, li jridu jiffissaw stadji importanti u miri għalihom. | ***ġodda, bħalma huma swali tal-irkant jew installazzjonijiet ta' akkoljenza fil-portijiet***. Barra minn hekk, l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkludu fil-programm tagħhom pjan ta' azzjoni għas-sajd kostali artiġjanali, li jenħtieġ li jiġi ssorveljat skont l-indikaturi, li jridu jiffissaw stadji importanti u miri għalihom. |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-siti industrijali jew l-irħula żgħar abbandunati jista' jkollhom infrastrutturi li jistgħu jsiru bażijiet ekoloġiċi għall-impriżi relatati mas-sajd (bħal punti ta' informazzjoni għat-turisti, ristoranti, faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għal irkaptu tas-sajd mitluf u skart tal-baħar, kif ukoll għal qabdiet mhux mixtieqa).*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Kif hemm deskritt fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, tal-24 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"[10] ir-reġjuni ***ultraperifiċi*** jiffaċċaw sfidi ***speċifiki*** minħabba li huma reġjuni mbiegħda, u minħabba t-topografija u l-klima, kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-Trattat, u għandhom ukoll vantaġġi speċifiċi li bihom jistgħu jiżviluppaw ekonomija blu sostenibbli. Għalhekk, għal kull reġjun ultraperiferiku***, jenħtieġ li*** jinthemeż pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' setturi sostenibbli tal-ekonomija blu, inkluż l-isfruttar sostenibbli tas-sajd u l-akkwakultura, mal-programm tal-Istati Membri kkonċernati, u jenħtieġ li tkun riżervata allokazzjoni finanzjarja biex issostni l-implimentazzjoni ta' dawn il- | (29) Kif hemm deskritt fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, tal-24 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"[10] ir-reġjuni ***ultraperiferiċi*** jiffaċċaw sfidi ***speċifiċi*** minħabba li huma reġjuni mbiegħda, u minħabba t-topografija u l-klima, kif imsemmi fl-Artikolu 349 tat-Trattat, u għandhom ukoll vantaġġi speċifiċi li bihom jistgħu jiżviluppaw ekonomija blu sostenibbli***, il-FEMS jenħtieġ li jkun jista' jqis ir-restrizzjonijiet speċifiċi rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. Għalhekk, ***huwa xieraq li*** għal kull reġjun ultraperiferiku ***ukoll*** jinthemeż pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' setturi sostenibbli tal-ekonomija blu, inkluż l-isfruttar sostenibbli tas-sajd u l-akkwakultura, mal- |

| | |
|---|---|
| pjanijiet ta' azzjoni. Jenħtieġ li l-FEMS jappoġġa wkoll il-kumpens tal-ispejjeż addizzjonali li jġarrbu r-reġjuni ***ultraperifiċi*** minħabba l-pożizzjoni u l-insularità tagħhom. Dak l-appoġġ jenħtieġ li jkun limitat għal perċentwal ta' din l-allokazzjoni finanzjarja ġenerali. Barra minn hekk jenħtieġ li ***tiġi applikata*** rata ta' intensità ***ta' għajnuna ogħla fir-reġjuni ultraperifiċi minn dik li tapplika għal operazzjonijiet oħrajn***. | programm tal-Istati Membri kkonċernati, u jenħtieġ li tkun riżervata allokazzjoni finanzjarja biex issostni l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni. Jenħtieġ li l-FEMS jappoġġa wkoll il-kumpens tal-ispejjeż addizzjonali li jġarrbu r-reġjuni ***ultraperiferiċi*** minħabba l-pożizzjoni u l-insularità tagħhom. Dak l-appoġġ jenħtieġ li jkun limitat għal perċentwal ta' din l-allokazzjoni finanzjarja ġenerali. Barra minn hekk***,*** jenħtieġ li ***jiġu applikati*** rata ***ogħla*** ta' intensità ***tal-għajnuna u rata ta' finanzjament tal-FEMS minn dawk applikati attwalment għar-reġjuni ultraperiferiċi***. |
| [10] COM(2017) 623. | [10] COM(2017) 623. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29a) Meta wieħed iqis ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kundizzjoni speċifika tal-insularità (2015/3014 (RSP)) u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-problemi speċifiċi tal-gżejjer" (1229/2011), l-agrikoltura, it-trobbija u s-sajd jikkostitwixxu element importanti tal-ekonomiji lokali tal-gżejjer. Ir-reġjuni insulari Ewropej ibatu minn nuqqas ta' aċċessibbiltà, speċjalment għall-SMEs, u minn livell baxx ta' differenzjazzjoni tal-prodotti. Huma jeħtieġu strateġija li tippermettilhom jużaw is-sinerġiji kollha possibbli bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u strumenti oħra tal-UE biex jikkumpensaw għall-iżvantaġġi tal-gżejjer u jistimulaw it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom. Għalkemm l-Artikolu 174 tat-TFUE jirrikonoxxi l-iżvantaġġi naturali u ġeografiċi*** |

| | |
|---|---|
| | ***permanenti speċifiċi għas-sitwazzjoni tal-gżejjer, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi "qafas strateġiku tal-Unjoni għall-gżejjer" sabiex tgħaqqad l-istrumenti li jista' jkollhom impatt territorjali kbir.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sitwazzjoni speċjali tal-gżejjer Ewropej għandha titqies aħjar fl-analiżi tal-qafas il-ġdid għall-FEMS sal-2021.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29a) Sabiex tinżamm il-kompetittività ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li joriġinaw fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni fir-rigward ta' prodotti simili minn reġjuni oħra tal-Unjoni, din tal-aħħar introduċiet fl-1992 miżuri biex tikkumpensa għall-ispejjeż korrispondenti fis-settur tas-sajd. Dawn il-miżuri ġew stabbiliti għall-perjodu 2007-2013 mir-Regolament (KE) Nru 791/2007 u huma segwiti mir-Regolament 508/2014 fis-seħħ għall-perjodu 2014-2020. Huwa meħtieġ li jinżamm l-appoġġ mogħti sabiex jiġu kkumpensati l-ispejjeż addizzjonali relatati mas-sajd, mat-trobbija, mal-ipproċessar u mad-disponiment ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ġejjin mir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2021, b'mod li l-kumpens jikkontribwixxi sabiex tinżamm il-vijabbiltà ekonomika tal-operaturi ta' dawn ir-reġjuni.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 29b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29b) Bil-għan li jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi msemmija hawn fuq fir-reġjuni ultraperiferiċi u abbażi tal-Artikolu 349 tat-TFUE, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata għajnuna operattiva skont proċedura simplifikata.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29b) Meta jitqiesu d-differenzi fil-kundizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni prevalenti fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif ukoll minħabba l-varjazzjonijiet fil-qabdiet, fl-istokkijiet u fid-domanda tas-suq, huwa xieraq li jitħalla f'idejn l-Istati Membri kkonċernati l-kompitu li jistabbilixxu l-prodotti tas-sajd eleġibbli għall-benefiċċju ta' kumpens, il-kwantitajiet massimi korrispondenti u l-ammont tal-kumpens, fil-limiti tal-pakkett totali allokat lil kull Stat Membru.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29c) Huwa xieraq li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jimmodulaw il-lista u l-kwantitajiet tal-prodotti tas-sajd ikkonċernati u l-ammont tal-kumpens fil-limiti tal-pakkett globali allokat lilhom. Bl-istess mod, huwa xieraq li jiġu awtorizzati jadattaw l-arranġamenti tal-kumpens tagħhom jekk l-evoluzzjoni tas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sitwazzjoni tiġġustifika dan.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29d) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-ammont tal-kumpens f'livell li jkun jista' jikkumpensa b'mod adegwat l-ispejjeż addizzjonali mġarrba minħabba l-iżvantaġġi tar-reġjuni ultraperiferiċi. Sabiex jiġi evitat il-kumpens żejjed, huwa xieraq li l-ammonti involuti jkunu proporzjonali mal-ispejjeż addizzjonali li l-għajnuna tkun maħsuba biex tikkumpensa. Għal dan il-għan, huwa xieraq li jitqiesu wkoll it-tipi l-oħrajn ta' interventi pubbliċi li jaffettwaw il-livell tal-ispejjeż addizzjonali.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) B'ġestjoni kondiviża ***jenħtieġ li l-FEMS ikun jista jappoġġa l-protezzjoni*** u ***r-restawr*** tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar. Għalhekk jenħtieġ li jingħata l-appoġġ biex jikkompensa l-ġbir mis-sajjieda ta' rkaptu tas-sajd li jkun intilef, u l-ġbir tal-iskart mill-ibħra, u jsostni l-investiment fil-portijiet biex dawn ikunu jipprovdu faċilitajiet ta' akkoljenza xierqa għal dan l-irkaptu mitluf u għall-iskart mill-baħar. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-azzjonijiet favur il-kisba jew iż-żamma ta' status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina")[11], | (30) B'ġestjoni kondiviża***, 25 % tal-FEMS għandhom jappoġġaw il-protezzjoni*** u ***l-kisba mill-ġdid*** tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar. Għalhekk jenħtieġ li jingħata l-appoġġ biex jikkompensa l-ġbir mis-sajjieda ta' rkaptu tas-sajd li jkun intilef, u l-ġbir tal-iskart mill-ibħra, u jsostni l-investiment fil-portijiet biex dawn ikunu jipprovdu faċilitajiet ta' akkoljenza xierqa għal dan l-irkaptu mitluf u għall-iskart mill-baħar. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun disponibbli wkoll għall-azzjonijiet favur il-kisba jew iż-żamma ta' status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva |

għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tal-ispazju stabbiliti skont dik id-Direttiva u, bi qbil mal-oqfsa ta' azzjoni ***prijoritizzati*** stabbiliti skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats")[12], għall-ġestjoni, ***ir-restawr*** u l-monitoraġġ taż-żoni tan-NATURA 2000, kif ukoll għall-protezzjoni tal-ispeċijiet skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar l-Għasafar")[13]. Jenħtieġ li b'ġestjoni diretta l-FEMS jappoġġa l-promozzjoni ta' ibħra nodfa u f'saħħithom u l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, li ġiet żviluppata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' Jannar 2016, bi qbil mal-għan li jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar.

[11] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.07.1992, p. 7).

[13] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.01.2010, p. 7).

[14] COM(2018)0028.

Kwadru dwar l-Istrateġija Marina")[11], għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tal-ispazju stabbiliti skont dik id-Direttiva u, bi qbil mal-oqfsa ta' azzjoni ***ta' prijorità*** stabbiliti skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ("id-Direttiva dwar il-Ħabitats")[12], għall-ġestjoni, ***il-kisba mill-ġdid*** u l-monitoraġġ taż-żoni tan-NATURA 2000, kif ukoll għall-protezzjoni tal-ispeċijiet skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("id-Direttiva dwar l-Għasafar")[13]. Jenħtieġ li b'ġestjoni diretta l-FEMS jappoġġa l-promozzjoni ta' ibħra nodfa u f'saħħithom u l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, li ġiet żviluppata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' Jannar 2016, bi qbil mal-għan li jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar.

[11] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.07.1992, p. 7).

[13] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.01.2010, p. 7).

[14] COM(2018)0028.

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS ikun jista' jappoġġa l-promozzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura, inkluża l-akkwakultura tal-ilma ħelu, għat-trobbija ta' annimali u pjanti akkwatiċi biex jiġu prodotti l-ikel u materja prima oħra. F'xi Stati Membri għad hemm proċeduri amministrattivi kumplessi, bħal ostakli biex wieħed jikseb l-ispazju, u proċeduri peżanti biex jinkisbu l-liċenzji, li jagħmluha diffiċli għas-settur itejjeb l-idea pubblika tal-frott tal-baħar imrobbi, u biex jagħmlu aktar kompetittiv. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun konsistenti mal-pjanijiet strateġiċi pluriennali nazzjonali żviluppati abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. B'mod partikolari jenħtieġ li jkunu eliġibbli, l-appoġġ għas-sostenibbiltà ambjentali, għall-investimenti li jiġġeneraw id-dħul, għall-innovazzjoni, għall-ksib ta' ħiliet professjonali, għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, miżuri ta' kumpens li jipprovdu servizzi ta' importanza kritika ta' ġestjoni tal-art u tan-natura. Jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll azzjonijiet tas-saħħa pubblika, skemi ta' assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura u azzjonijiet b'rabta mas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali. Iżda fil-każ tal-investimenti li jiġġeneraw id-dħul, jenħtieġ li l-appoġġ jingħata biss permezz ta' strumenti finanzjarji u l-InvestEU, li joffru aktar ingranaġġ fis-swieq u għaldaqstant huma iżjed rilevanti mill-għotjiet biex jindirizzaw l-isfidi finanzjarji tas-settur. | (32) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-FEMS ikun jista' jappoġġa l-promozzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura, inkluża l-akkwakultura tal-ilma ħelu, għat-trobbija ta' annimali u pjanti akkwatiċi biex jiġu prodotti l-ikel u materja prima oħra. F'xi Stati Membri għad hemm proċeduri amministrattivi kumplessi, bħal ostakli biex wieħed jikseb l-ispazju, u proċeduri peżanti biex jinkisbu l-liċenzji, li jagħmluha diffiċli għas-settur itejjeb l-idea pubblika tal-frott tal-baħar imrobbi, u biex jagħmlu aktar kompetittiv. Jenħtieġ li l-appoġġ ikun konsistenti mal-pjanijiet strateġiċi pluriennali nazzjonali żviluppati abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. B'mod partikolari jenħtieġ li jkunu eliġibbli, l-appoġġ għas-sostenibbiltà ambjentali, għall-investimenti li jiġġeneraw id-dħul, għall-innovazzjoni, għall-ksib ta' ħiliet professjonali, għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, miżuri ta' kumpens li jipprovdu servizzi ta' importanza kritika ta' ġestjoni tal-art u tan-natura. Jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll azzjonijiet tas-saħħa pubblika, skemi ta' assigurazzjoni tal-istokkijiet tal-akkwakultura u azzjonijiet b'rabta mas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali. ***Dawn il-proċeduri kumplessi u peżanti jenħtieġ li jiġu studjati u ffaċilitati, filwaqt li jiġu rispettati l-istandards meħtieġa għal azjendi bħal dawn.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (34) L-industrija tal-ipproċessar għandha rwol fid-disponibbiltà u fil-kwalità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Jenħtieġ li l-FEMS ikun jista' jappoġġa l-investiment iffukat f'dik l-industrija, dment li dan l-investiment jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq. ***Dan l-appoġġ jenħtieġ li jingħata biss permezz ta' strumenti finanzjarji u permezz tal-InvestEU u mhux permezz ta' għotjiet.*** | (34) L-industrija tal-ipproċessar għandha rwol fid-disponibbiltà u fil-kwalità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Jenħtieġ li l-FEMS ikun jista' jappoġġa l-investiment iffukat f'dik l-industrija, dment li dan l-investiment jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (35) Il-ħolqien tal-impjiegi fir-reġjuni kostali jiddependi mill-iżvilupp tal-ekonomija blu mmexxija lokalment li tagħti ħajja ġdida lin-nisġa soċjali ta' dawn ir-reġjuni. Sal-2030, l-industriji u s-servizzi oċeaniċi x'aktarx li se jiksbu riżultati aqwa minn dawk tat-tkabbir tal-ekonomija dinjija u jagħtu kontribut importanti għall-impjiegi u għat-tkabbir. Biex ikun sostenibbli, it-tkabbir blu jiddependi mill-innovazzjoni u l-investiment f'negozji marittimi ġodda, u fil-bijoekonomija, fosthom mudelli tat-turiżmu sostenibbli, l-enerġija rinnovabbli mill-oċeani, il-kostruzzjoni innovattiva ta' bastimenti ta' livell għoli, u servizzi ġodda tal-portijiet li jistgħu joħolqu l-impjiegi u fl-istess ħin itejbu l-iżvilupp lokali. Filwaqt li l-investiment pubbliku fl-ekonomija blu sostenibbli jenħtieġ li jkun settur ewlieni fil-baġit kollu tal-Unjoni, il-FEMS jenħtieġ li jkun ikkonċentrat speċifikament fuq il-kundizzjonijiet li jgħinu l-iżvilupp tal-ekonomija blu sostenibbli u fuq it-twarrib tal-ostakli biex ikun iffaċilitat l-investiment u l-iżvilupp ta' swieq u teknoloġiji jew servizzi ġodda. L-appoġġ għall-iżvilupp | (35) Il-ħolqien tal-impjiegi fir-reġjuni kostali***, u aktar partikolarment f'dak tal-gżejjer, ta' spiss*** jiddependi mill-iżvilupp tal-ekonomija blu mmexxija lokalment li tagħti ħajja ġdida lin-nisġa soċjali ta' dawn ir-reġjuni. Sal-2030, l-industriji u s-servizzi ***marittimi u*** oċeaniċi x'aktarx li se jiksbu riżultati aqwa minn dawk tat-tkabbir tal-ekonomija dinjija u jagħtu kontribut importanti għall-impjiegi u għat-tkabbir. Biex ikun sostenibbli, it-tkabbir blu jiddependi mill-innovazzjoni u l-investiment f'negozji marittimi ġodda, u fil-bijoekonomija, fosthom mudelli tat-turiżmu sostenibbli, l-enerġija rinnovabbli mill-oċeani, il-kostruzzjoni innovattiva ta' bastimenti ta' livell għoli, u servizzi ġodda tal-portijiet li jistgħu joħolqu l-impjiegi u fl-istess ħin itejbu l-iżvilupp lokali. Filwaqt li l-investiment pubbliku fl-ekonomija blu sostenibbli jenħtieġ li jkun settur ewlieni fil-baġit kollu tal-Unjoni, il-FEMS jenħtieġ li jkun ikkonċentrat speċifikament fuq il-kundizzjonijiet li jgħinu l-iżvilupp tal-ekonomija blu sostenibbli u fuq it-twarrib tal-ostakli biex ikun iffaċilitat l-investiment u l-iżvilupp ta' swieq u teknoloġiji jew |

| | |
|---|---|
| tal-ekonomija blu sostenibbli jenħtieġ li jingħata permezz ta' ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta. | servizzi ġodda. L-appoġġ għall-iżvilupp tal-ekonomija blu sostenibbli jenħtieġ li jingħata permezz ta' ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35a) L-adozzjoni ta' miżuri ta' appoġġ biex jiġi ffaċilitat id-djalogu soċjali u għal użu tal-FEMS hija neċessarja biex jingħata kontribut għat-taħriġ ta' professjonisti kwalifikati fis-settur marittimu u tas-sajd; L-importanza tal-modernizzazzjoni tas-settur marittimu u tas-sajd u r-rwol tal-innovazzjoni f'dan ir-rigward jirrikjedu evalwazzjoni ġdida tal-allokazzjonijiet finanzjarji għat-taħriġ professjonali taħt il-FEMS.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tfakkar fl-Artikoli 25 u 27 tal-opinjoni 2017/2052 (INI) tal-Kumitat għas-Sajd, b'mod partikolari l-ħtieġa li l-fondi tal-FEMS jiġu ddedikati b'mod partikolari għat-taħriġ tal-ħaddiema attwali u futuri f'dawn is-setturi, mingħajr limitu ta' età, iżda bil-għan speċifiku li tittejjeb is-sostenibbiltà ekonomika u ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd.*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(35b) L-investiment fil-kapital uman huwa wkoll vitali sabiex jittejbu l-kompetittività u l-prestazzjoni ekonomika tal-attivitajiet relatati mas-sajd u mal-ambjent marittimu. Għalhekk, huwa xieraq li l-FEMS jappoġġa s-servizzi ta' konsulenza, il-kooperazzjoni bejn ix-xjenzati u s-sajjieda, it-taħriġ*** |

| | |
|---|---|
| | ***professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, u li jinkoraġġixxi d-disseminazzjoni tal-għarfien, jgħin fit-titjib tal-prestazzjoni u l-kompetittività globali tal-operaturi u jippromwovi d-djalogu soċjali. B'rikonoxximent għar-rwol tagħhom fil-komunitajiet tas-sajd, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-konjuġi u s-sħab fil-ħajja tas-sajjieda li jaħdmu għal rashom għandhom ukoll jingħataw appoġġ għat-taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u d-disseminazzjoni tal-għarfien, u l-ħolqien ta' netwerks li jikkontribwixxu għall-iżvilupp professjonali tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda terġa' ddaħħal il-premessa 31 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-15 ta' Mejju 2014 iddedikat għall-promozzjoni tal-kapital uman. Huwa estremament importanti, speċjalment għall-komunitajiet kostali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd, li jkunu jistgħu jippromwovu l-integrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa ġodda.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) B'ġestjoni diretta u indiretta, jenħtieġ li l-FEMS jiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għal ekonomija blu sostenibbli permezz tal-promozzjoni tal-governanza u l-ġestjoni integrati tal-politika marittima, permezz tat-titjib tat-trasferiment u l-użu tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija fl-ekonomija blu sostenibbli, permezz tat-titjib tal-ħiliet marittimi, tal-litteriżmu ***fl-oċeani*** u tat-tpartit tad-data soċjoekonomika dwar l-ekonomija blu sostenibbli, permezz tal-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli reżiljenti għat-tibdil fil-klima u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u permezz tal-iżvilupp ta' riżerva ta' proġetti u ta' strumenti finanzjarji innovattivi. | (38) B'ġestjoni diretta u indiretta, jenħtieġ li l-FEMS jiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għal ekonomija blu sostenibbli permezz tal-promozzjoni tal-governanza u l-ġestjoni integrati tal-politika marittima, permezz tat-titjib tat-trasferiment u l-użu tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija fl-ekonomija blu sostenibbli, permezz tat-titjib tal-ħiliet marittimi, tal-litteriżmu ***fl-ibħra u l-oċeani*** u tat-tpartit tad-data soċjoekonomika dwar l-ekonomija blu sostenibbli, permezz tal-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli reżiljenti għat-tibdil fil-klima u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u permezz tal-iżvilupp ta' riżerva ta' proġetti u ta' strumenti finanzjarji innovattivi. |

| | |
|---|---|
| Jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi rigward l-oqsma msemmijin hawn fuq. | Jenħtieġ li jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi rigward l-oqsma msemmijin hawn fuq. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(41a) L-objettivi u l-azzjonijiet tal-FEMS jenħtieġ li jikkorrispondu mal-proċessi internazzjonali u reġjonali tal-Unjoni għall-governanza tal-ibħra, bħall-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran ("il-Ftehim tal-GFCM"). Il-Ftehim imsemmi jipprovdi qafas adatt għall-kooperazzjoni multilaterali sabiex jippromwovi l-iżvilupp, il-protezzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aqwa użu tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed f'livelli li huma kkunsidrati sostenibbli u b'riskju baxx ta' eżawriment.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tqis il-proposta attwali tal-Kummissjoni biex jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni tal-UE għadd ta' miżuri adottati mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) waqt is-sessjonijiet annwali tagħha fl-2015, l-2016 u l-2017.*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) Biex tiżdied it-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-fondi tal-Unjoni u l-ġestjoni finanzjarja tajba tagħhom, b'mod partikolari biex ikun imsaħħaħ il-kontroll pubbliku tal-flus li jintużaw, jenħtieġ li ***ċerta informazzjoni*** dwar l-operazzjonijiet iffinanzjati mill- | (48) Biex tiżdied it-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-fondi tal-Unjoni u l-ġestjoni finanzjarja tajba tagħhom, b'mod partikolari biex ikun imsaħħaħ il-kontroll pubbliku tal-flus li jintużaw, jenħtieġ li ***l-informazzjoni*** dwar l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEMS |

| | |
|---|---|
| FEMS tiġi ppubblikata f'sit web tal-Istati Membri bi qbil mar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. Meta Stat Membru jippubblika l-informazzjoni dwar operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEMS, iridu jiġu segwiti r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]. | tiġi ppubblikata f'sit web tal-Istati Membri bi qbil mar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. Meta Stat Membru jippubblika l-informazzjoni dwar operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEMS, iridu jiġu segwiti r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]. |
| [24] Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta'data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 04.05.2016, p. 1). | [24] Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta'data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 04.05.2016, p. 1). |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha madwar is-suq uniku kollu, li għandhom rabta mal-oċeani, mal-ibħra, mal-kosti u mal-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni ***ultraperifiċi*** u l-pajjiżi interni tal-Unjoni, u jinkludu s-setturi li qegħdin jiżviluppaw u prodotti u servizzi mhux tas-suq u li huma konsistenti mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. | (15) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha madwar is-suq uniku kollu, li għandhom rabta mal-oċeani, mal-ibħra, mal-kosti u mal-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni ***insulari u ultraperiferiċi*** u l-pajjiżi interni tal-Unjoni, u jinkludu s-setturi li qegħdin jiżviluppaw u prodotti u servizzi mhux tas-suq u li huma konsistenti mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) it-trawwim tas-sajd sostenibbli u ***l-konservazzjoni*** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; | (1) it-trawwim tas-sajd sostenibbli***, tal-protezzjoni, tal-kisba mill-ġdid*** u ***tal-konservazzjoni*** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) il-kontribut għas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni permezz ta' swieq u ***akkwakultura kompetittivi u sostenibbli***; | (2) il-kontribut għas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni permezz ta' ***akkwakultura ekoloġika u*** swieq ***sostenibbli*** u ***soċjalment responsabbli, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu kriterji relatati mal-protezzjoni tal-ambjent***; |

Emenda 35

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) il-promozzjoni tat-tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u t-trawwim ***ta' komunitajiet*** kostali li ***jiffjorixxu***; | (3) il-promozzjoni tat-tkabbir ta' ekonomija blu sostenibbli u t-trawwim ***tal-prosperità u l-preservazzjoni tal-komunitajiet*** kostali ***u partikolarment tar-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt*** li ***wieħed iżomm f'moħħu b'mod debitu l-aspetti soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġu rrispettati b'mod sħiħ l-objettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali***; |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (4) ***It-tisħiħ*** tal-governanza tal-oċeani internazzjonali u ***l-promozzjoni ta' ibħra*** u ***oċeani*** sikuri, indaf u ġestiti ***b'mod*** sostenibbli. | (4) ***It-tisħiħ*** tal-governanza tal-oċeani internazzjonali u ***l-proċessi reġjonali tal-Unjoni għall-governanza tal-ibħra sabiex l-ibħra*** u ***l-oċeani jkunu*** sikuri, indaf u ġestiti ***b'mod*** sostenibbli. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-appoġġ fil-kuntest tal-FEMS għandu jikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet ambjentali tal-Unjoni, u dawk ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-addattament għalih. Din il-kontribuzzjoni għandha tiġi rintraċċata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness IV. | L-appoġġ fil-kuntest tal-FEMS għandu jikkontribwixxi ***b'mod sħiħ*** biex jinkisbu l-għanijiet ambjentali tal-Unjoni, u dawk ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-addattament għalih. Din il-kontribuzzjoni għandha tiġi rintraċċata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness IV. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Reġjuni Ultraperiferiċi*** |
| | ***Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament preżenti għandhom iqisu r-restrizzjonijiet speċifiċi rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FEMS għall-perjodu | 1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FEMS għall-perjodu |

| | |
|---|---|
| mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR 6 ***140*** 000 000 bil-prezzijiet attwali. | mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' EUR 6 ***867*** 000 000 bil-prezzijiet ***kostanti tal-2018 (jiġifieri EUR 7 739 176 524 bil-prezzijiet*** attwali***). Mill-inqas 25 % ta' dan il-pakkett għandhom jiġu allokati għall-prijorità 1 kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(1) ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-parti tal-pakkett finanzjarju taħt ġestjoni kondiviża kif speċifikat fit-Titolu II għandha tkun ta' EUR 5 ***311 000 000 bi prezzijiet*** tal-lum skont it-tqassim annwali stabbilit fl-Anness V. | 1. Il-parti tal-pakkett finanzjarju taħt ġestjoni kondiviża kif speċifikat fit-Titolu II għandha tkun ta' EUR 5 ***939 794 375 bil-prezzijiet kostanti tal-2018 (jiġifieri EUR 6 694 261 684 bil-prezzijiet*** tal-lum***).*** skont it-tqassim annwali stabbilit fl-Anness V. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li jinżamm il-baġit tal-fond preċedenti, kif ukoll is-sehem allokat taħt il-ġestjoni kondiviża, kif ukoll dik finanzjarja b'ġestjoni diretta. Il-kalkolu jqis l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Għall-operazzjonijiet fir-reġjuni ultraperifiċi, kull Stat Membru kkonċernat, fl-appoġġ finanzjarju tiegħu mill-Unjoni stabbilit fl-Anness V, għandu jalloka mill-inqas:*** <br> ***a) EUR 102 000 000 għall-Azores u l-Madejra;*** <br> ***b) EUR 82 000 000 għall-Gżejjer Kanarji;*** | ***imħassar*** |

***c) EUR 131 000 000 għal Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Réunion u Saint-Martin.***

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet kollha relatati mar-reġjuni ultraperiferiċi huma miġbura fil-Kapitolu 5a ġdid.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-kumpens imsemmi fl-Artikolu 21 ma għandux jaqbeż il-50 % ta' kull waħda mill-allokazzjonijiet imsemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet kollha relatati mar-reġjuni ultraperiferiċi huma miġbura fil-Kapitolu 5a ġdid.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-parti tal-pakkett finanzjarju taħt ġestjoni diretta u ġestjoni indiretta, kif speċifikat fit-Titolu III għandha tkun ta' EUR ***829 000 000*** bil-prezzijiet ***tal-lum***. | 1. Il-parti tal-pakkett finanzjarju taħt ġestjoni diretta u ġestjoni indiretta, kif speċifikat fit-Titolu III għandha tkun ta' EUR ***927 149 225 bil-prezzijiet kostanti tal-2018 (EUR 1 044 914 876*** bil-prezzijiet ***attwali)***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li jinżamm il-baġit tal-fond preċedenti, kif ukoll is-sehem allokat taħt il-ġestjoni kondiviża, kif ukoll dik finanzjarja b'ġestjoni diretta. Il-kalkolu jqis l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tħejjija, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ***ta' ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli u s-sehem*** tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd reġjonali; | (b) it-tħejjija, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ***tas-sehem*** tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd reġjonali; |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Bi qbil mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], kull Stat Membru għandu jħejji programm ***wieħed*** biex jimplimenta l-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4. | 1. Bi qbil mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], kull Stat Membru għandu jħejji programm ***nazzjonali uniku u/jew programmi reġjonali operattivi*** biex jimplimenta l-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) fejn japplika, il-pjanijiet ta' azzjoni għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmijin ***fil-paragrafu 4***. | c) fejn japplika, il-pjanijiet ta' azzjoni għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmijin ***fl-Artikolu 29b***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet kollha relatati mar-reġjuni ultraperiferiċi huma miġbura fil-Kapitolu 5a ġdid.*

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) fejn xieraq, il-programm operattiv reġjonali għall-awtoritajiet sottonazzjonali responsabbli għas-sajd u l-affarijiet marittimi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżviluppaw programmi operattivi reġjonali, fejn ikunu jixtiequ, bħala parti mill-programmazzjoni nazzjonali għar-reġjuni kkonċernati, ikun possibbli li jiġu adottati strateġiji ta' nfiq u speċjalizzazzjoni aktar intelliġenti fi ħdan il-limiti tal-pakkett tal-FEMS.*

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Bħala parti mill-programm tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom iħejju pjan ta' azzjoni għal kull wieħed mir-reġjuni ***ultraperifiċi*** tagħhom ***imsemmijin fl-Artikolu*** 6(2), li għandhom jistabbilixxu: | 4. Bħala parti mill-programm tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom iħejju***, b'mod konġunt mal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti tat-territorju tagħhom,*** pjan ta' azzjoni għal kull wieħed mir-reġjuni tagħhom***, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu*** 6(2), li għandhom jistabbilixxu: |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) strateġija għall-isfruttament sostenibbli tas-sajd u għall-iżvilupp ta' setturi sostenibbli tal-ekonomija blu; | a) strateġija għall-isfruttament sostenibbli tas-sajd u għall-iżvilupp ta' setturi sostenibbli tal-ekonomija blu**,** |

| | |
|---|---|
| | ***filwaqt li jiġi miġġieled l-iskart tal-baħar u jitħeġġeġ l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-gruppi ta' azzjoni lokali fis-settur tas-sajd (FLAGs)***; |

*Ġustifikazzjoni*

*L-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-gruppi ta' azzjoni lokali fis-settur tas-sajd għandhom jibqgħu prijorità u jibbenefikaw minn finanzjament aktar qawwi, peress li huma jservu biex il-komunitajiet lokali tas-sajd jindirizzaw l-isfidi fil-livell lokali, billi jużaw l-għarfien tal-partijiet interessati lokali biex jindirizzaw il-problemi tagħhom;*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa analiżi ta' kull baċir tal-baħar li tindika l-elementi tajbin u d-dgħufijiet komuni tal-baċir tal-baħar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kisba tal-għanijiet tal-PKS, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. ***Fejn ikun rilevanti,*** din l-analiżi għandha tqis l-istrateġiji makroreġjonali u dwar il-baċiri tal-baħar eżistenti. | 5. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa analiżi ta' kull baċir tal-baħar li tindika l-elementi tajbin u d-dgħufijiet komuni tal-baċir tal-baħar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kisba tal-għanijiet tal-PKS, kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Din l-analiżi għandha tqis l-istrateġiji makroreġjonali u dwar il-baċiri tal-baħar eżistenti. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-finanzjament pubbliku li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mal-pagamenti imsemmija fil-paragrafu 2, għandhom jiġu ttrattati b'mod ġenerali abbażi tal-paragrafu 1. | 3. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-finanzjament pubbliku li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mal-pagamenti imsemmija fil-paragrafu 2, għandhom jiġu ttrattati b'mod ġenerali abbażi tal-paragrafu 1***, ħlief fejn indikat kuntrarju fir-regolament preżenti***. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| h) il-kostruzzjoni ta' portijiet ġodda, ta' siti ta' żbark ġodda jew ta' swali tal-irkant ġodda; | h) il-kostruzzjoni ta' portijiet ġodda, ta' siti ta' żbark ġodda jew ta' swali tal-irkant ġodda***, ħlief fejn indikat kuntrarju fir-regolament preżenti***; |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) is-sajd bit-tkarkir f'fond ta' 200 metru jew kull attività oħra li teqred b'mod permanenti l-ekosistema tal-baħar u tal-kosta.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-appoġġ skont dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg tal-PKS, kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. | 1. L-appoġġ skont dan il-Kapitolu għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu ***bis-sħiħ*** l-għanijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg tal-PKS, kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013***, u għandu jippromwovi d-djalogu soċjali bejn il-partijiet***. |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(da) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-kreditu, kif ukoll għall-istrumenti ta' assigurazzjoni u dawk finanzjarji, mingħajr ma tiġi eskluża l-ħtieġa ta' għotjiet;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li jiġu introdotti oqsma ġodda ta' applikazzjoni li jirriżultaw essenzjali għall-iżvilupp tas-sajd kostali fuq skala żgħira.*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq is-sajjieda kostali żgħar, il-pjan ta' azzjoni għandu jqis il-possibbiltà li tiġi introdotta formola ta' applikazzjoni unika simplifikata għall-miżuri tal-FEMS jew l-eżistenza minn qabel ta' formola ta' applikazzjoni waħda simplifikata fil-livell nazzjonali jew reġjonali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*B'kuntrast mal-impriżi tas-sajd, is-sajjieda ż-żgħar huma prinċipalment persuni li ma għandhomx il-kapaċità amministrattiva meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi amministrattivi tagħhom fil-ħin. Formola ta' applikazzjoni unika ssimplifikata ttejjeb bil-kbir l-opportunitajiet tagħhom biex jiksbu fondi.*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) l-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd minn sajjied żagħżugħ li, meta jressaq l-applikazzjoni jkun għadu ma għalaqx l-40 sena u li jkun ilu jaħdem ta' sajjied għal | a) l-ewwel akkwist ta' bastiment tas-sajd minn sajjied żagħżugħ li, meta jressaq l-applikazzjoni jkun għadu ma għalaqx l-40 sena u li jkun ilu jaħdem ta' sajjied għal |

| | |
|---|---|
| mill-inqas ***ħames*** snin jew ikun kiseb kwalifika professjonali xierqa; | mill-inqas ***tliet*** snin jew ikun kiseb kwalifika professjonali xierqa; |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) infrastrutturi ġodda li jirrispettaw lill-ambjent u li huma effikaċi fl-użu tal-enerġija, bħalma huma s-swali tal-irkant il-ġodda jew il-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Infrastrutturi ġodda sostenibbli jistgħu jsiru bażijiet ekoloġiċi għall-impriżi relatati mas-sajd (bħal punti ta' informazzjoni għat-turisti, ristoranti, faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għal irkaptu tas-sajd mitluf u skart tal-baħar, kif ukoll għal qabdiet mhux mixtieqa).*

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) sabiex jittejbu s-sostenibbiltà ambjentali u l-effikaċja enerġetika tagħhom, ir-rinnovazzjoni ekoloġika u r-restawr ta' bini u infrastruttura qodma, peress li l-attività hija relatata direttament mal-attività tas-sajd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-siti industrijali jew l-irħula żgħar abbandunati jista' jkollhom infrastrutturi li jistgħu jsiru bażijiet ekoloġiċi għall-impriżi relatati mas-sajd (bħal punti ta' informazzjoni għat-turisti, ristoranti, faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għal irkaptu tas-sajd mitluf u skart tal-baħar, kif ukoll għal qabdiet mhux mixtieqa).*

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-bastimenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mgħammra għas-sajd fuq il-baħar u jkollhom ***bejn ħames snin u*** 30 sena. | 2. Il-bastimenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mgħammra għas-sajd fuq il-baħar u jkollhom ***mill-inqas*** 30 sena. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għajnuna għall-akkwist ta' bastimenti ġodda għandha tagħmilha possibbli li tiġġedded il-flotta b'bastimenti aktar ergonomiċi, aktar sikuri u aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil mingħajr ma jiżdied l-isforz tas-sajd.*

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. (ġdid)*** |
| | ***L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1c jista' jingħata biss jekk ikun jista' jiġi pprovat li l-infrastruttura l-ġdida tkun se ttejjeb l-valorizzazzjoni u l-kwalità tal-prodotti, kif ukoll is-sostenibbiltà tal-bastimenti kollha, mingħajr ma żżid il-kapaċità tas-sajd u f'konformità mal-objettivi tal-PKS.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan ma jżidx il-kapaċità tas-sajd, f'konformità mal-objettivi tal-PKS. Madankollu, huwa essenzjali li jiġi appoġġat l-ingaġġ ta' sajjieda żgħażagħ, li jiġu rdoppjati l-isforzi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, titjieb is-sikurezza abbord u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet f'termini ta' tiġdid tal-flotta.*

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. (ġdid)*** |
| | ***L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1c jista' jiġi pprovdut biss jekk ikun jista' jiġi pprovat li l-infrastruttura preċedenti tkun se tiġi rinnovata jew imġedda sabiex tippromwovi diversifikazzjoni tal-introjtu billi l-attività tkun direttament relatata mal-attività tas-sajd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-siti industrijali jew l-irħula żgħar abbandunati jista' jkollhom infrastrutturi li jistgħu jsiru bażijiet ekoloġiċi għall-impriżi relatati mas-sajd (bħal punti ta' informazzjoni għat-turisti, ristoranti, faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għal irkaptu tas-sajd mitluf u skart tal-baħar, kif ukoll għal qabdiet mhux mixtieqa).*

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-bastiment tas-sajd huwa rreġistrat bħala attiv u wettaq attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal mill-inqas ***120*** ġurnata kull sena matul l-aħħar ***tliet snin*** kalendarji ta' qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-appoġġ; | (c) il-bastiment tas-sajd huwa rreġistrat bħala attiv u wettaq attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal ***perjodu medju*** mill-inqas ***ta' 90*** ġurnata kull sena matul l-aħħar ***sentejn*** kalendarji ta' qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-appoġġ; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kriterju medju tal-għadd ta' jiem huwa aktar konformi mal-ispeċifiċitajiet tas-sajd kostali fuq skala żgħira, li huwa dipendenti ħafna fuq il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u sitwazzjonijiet ta' emerġenza (tixrid ta' sustanzi inkwinanti, muċilaġni, eċċ.). Minn sena għall-oħra, l-għadd ta' jiem fuq il-baħar jista' jvarja b'mod konsiderevoli.*

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-FEMS jista' jappoġġa l-aċċess tal-intrapriżi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju, fosthom l-għajnuniet għall-poloz tal-assigurazzjoni jew għall-fondi mutwi, bil-għan li jiġi kopert it-telf li jirriżulta minħabba avveniment wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:*** |
| | ***a) diżastri naturali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea;*** |
| | ***b) avvenimenti meteoroloġiċi avversi importanti;*** |
| | ***c) bidliet f'daqqa fil-kwalità u l-kwantità tal-ilma li l-operatur ma jkunx responsabbli għalihom;*** |
| | ***d) mard fis-settur tal-akkwakultura, nuqqas ta' funzjonament jew qerda tal-faċilitajiet ta' produzzjoni li l-operatur ma jkunx responsabbli għalihom;*** |
| | ***e) spejjeż ta' salvataġġ tas-sajjieda jew tal-bastimenti tas-sajd f'każ ta' inċidenti fil-baħar, waqt l-attivitajiet tagħhom tas-sajd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-appoġġ mill-FEMS għal għodod ta' ġestjoni tar-riskju, bħall-għajnuna għall-aċċess għal assigurazzjoni jew fondi mutwi, għandu jiġi introdott, bħal fil-każ tas-settur agrikolu, għar-raġunijiet speċifiċi msemmija f'dak il-paragrafu.*

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-FEMS jista' jappoġġa azzjonijiet li jikkontribwixxu għad-djalogu soċjali bejn il-partijiet u mmexxija mill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min jimpjega li jifformaw parti minn ftehimiet*** |

***kollettivi nazzjonali, partikolarment fl-oqsma li ġejjin:***

***a) it-taħriġ tal-intraprendituri żgħażagħ tas-sajd;***

***b) it-taħriġ professjonali u l-iżvilupp tal-kompetenzi għas-sajd sostenibbli;***

***c) is-sensibilizzazzjoni għall-prattiki tajbin tas-sajd u tal-protezzjoni tal-bijodiversità;***

***d) is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem fuq il-baħar;***

***e) is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema abbord.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-programmazzjoni tal-FEMS ma tistax tiġi mifruda mill-appoġġ fil-qasam tal-affarijiet soċjali tal-attività.*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 17 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Il-FEMS jista' jappoġġa l-aċċess tal-intrapriżi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju, fosthom l-għajnuniet għall-poloz tal-assigurazzjoni jew għall-fondi mutwi, bil-għan li jiġi kopert it-telf li jirriżulta minħabba avveniment wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:*** |
| | ***a) diżastri naturali;*** |
| | ***b) avvenimenti klimatiċi negattivi;*** |
| | ***c) bidliet għal għarrieda fil-kwalità u fil-kwantità tal-ibħra li l-operatur ma jkunx responsabbli għalihom;*** |
| | ***d) mard fis-settur tal-akkwakultura, nuqqas ta' funzjonament jew qerda tal-faċilitajiet ta' produzzjoni li l-operatur ma jkunx responsabbli għalihom;*** |

| | |
|---|---|
| | ***e) spejjeż ta' salvataġġ tas-sajjieda jew tal-bastimenti tas-sajd f'każ ta' inċidenti fil-baħar, waqt l-attivitajiet tagħhom tas-sajd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Bħal ma jseħħ fis-settur agrikolu, għandu jiġi introdott l-appoġġ tal-FEMS għall-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskju, fosthom l-għajnuniet li jiffavorixxu l-aċċess għall-poloz tal-assigurazzjoni jew għall-fondi mutwi, fejn ir-raġunijiet huma ddefiniti mill-punti a) sa e).*

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) l-attivitajiet kummerċjali tal-bastiment ikkonċernat jitwaqqfu għal mill-inqas ***90*** jum konsekuttiv; | a) l-attivitajiet kummerċjali ***u tas-sajd*** tal-bastiment ikkonċernat jitwaqqfu għal mill-inqas ***30*** jum konsekuttiv; |

*Ġustifikazzjoni*

*Bastiment li jkun rmiġġat għal 90 jum konsekuttiv u li jkun tilef 30 % tal-fatturat tiegħu ma jistax jirkupra ekonomikament minn dan l-avveniment.*

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) it-telf ekonomiku, li jirriżulta mis-sospensjoni tar-rakkolta, jammonta għal aktar minn 30 % tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkolat fuq il-bażi tal-fatturat medju tan-negozju matul ***it-tliet snin*** preċedenti. | b) it-telf ekonomiku, li jirriżulta mis-sospensjoni tar-rakkolta, jammonta għal aktar minn 30 % tal-fatturat annwali tan-negozju kkonċernat, ikkalkolat fuq il-bażi tal-fatturat medju tan-negozju matul ***is-sena kalendarja*** preċedenti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kundizzjonijiet relatati mal-attività ta' bastimenti jew ta' sajjieda matul it-tliet snin preċedenti mhumiex aċċettabbli. Huma jeskludu l-bastimenti u l-baħħara li jibdew l-attività*

*tagħhom u b'hekk il-kumpaniji li l-bilanċ finanzjarju tagħhom huwa l-aktar fraġli.*

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) sidien ta' bastimenti tas-sajd li jkunu rreġistrati bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal ***mill-inqas 120*** jum ***matul it-tliet snin*** kalendarji qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-appoġġ; ou | a) sidien ta' bastimenti tas-sajd li jkunu rreġistrati bħala attivi u li jkunu wettqu attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal ***medja ta' perjodu ta' mill-inqas 90*** jum ***kull sena matul is-sentejn*** kalendarji qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-appoġġ; jew |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) sajjieda li jkunu ħadmu fuq il-baħar għal mill-inqas ***120*** jum matul ***it-tliet snin*** kalendarji qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-appoġġ abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni kkonċernat mill-waqfien straordinarju. | b) sajjieda li jkunu ħadmu fuq il-baħar għal mill-inqas ***90*** jum matul ***is-sentejn*** kalendarji qabel id-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-appoġġ abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni kkonċernat mill-waqfien straordinarju. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 19a*** |
| | ***Promozzjoni tal-kapital uman, tal-ħolqien tal-impjiegi u d-djalogu soċjali*** |
| | ***1. Bil-għan li jiġi promoss il-kapital uman, il-ħolqien tal-impjiegi u d-djalogu soċjali, il-FEMS jista' jappoġġa:*** |

***a) it-taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, proġetti konġunti, id-disseminazzjoni ta' għarfien ta' natura ekonomika, teknika, regolatorja jew xjentifika u ta' prattiki innovattivi, u l-akkwist ta' ħiliet professjonali ġodda, b'mod partikolari marbuta mal-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar, l-iġjene, is-saħħa, is-sikurezza, l-attivitajiet fis-settur marittimu, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija;***

***b) l-iżvilupp u l-ħolqien ta' netwerk u l-iskambju ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki bejn il-partijiet ikkonċernati, inkluż fost organizzazzjonijiet li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa, li jippromwovu r-rwol tan-nisa fil-komunitajiet tas-sajd u li jippromwovu lil gruppi sottorappreżentati involuti f'sajd kostali fuq skala żgħira jew f'sajd bil-wieqfa;***

***c) id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali li jinvolvi s-sajjieda, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn.***

***2. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jingħata wkoll lil konjuġi ta' sajjieda li jaħdmu għal rashom jew, meta dawn ikunu rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali, is-sħab fil-ħajja ta' sajjieda li jaħdmu għal rashom, f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***

***3. L-appoġġ imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jista' jingħata, għal perjodu massimu ta' sentejn, għat-taħriġ ta' persuni ta' età iżgħar minn 40 sena, rikonoxxuti mill-Istat Membru bħala mingħajr impjieg (minn hawn 'il quddiem imsejħa "trainees"). Tali appoġġ għandu jkun limitat għal taħriġ abbord bastiment tas-sajd kostali żgħir li jkun proprjetà ta' sajjied professjonali, ifformalizzat b'kuntratt bejn it-trainee u s-sid tal-bastiment, meta dan ikun rikonoxxut mill-Istat Membru konċernat, inklużi korsijiet***

| | |
|---|---|
| | ***dwar il-prattiki tas-sajd sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.*** |
| | ***4. L-appoġġ skont il-paragrafu 3 għandu jingħata lil sajjieda professjonali biex ikopru s-salarju tat-trainee u l-ispejjeż relatati, u għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 67(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 b'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u l-istandards tal-għajxien tal-Istat Membru konċernat. Dak l-appoġġ ma għandux jaqbeż l-ammont massimu ta' EUR 40 000 matul il-perjodu ta' programmazzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda terġa' ddaħħal il-premessa 29 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-15 ta' Mejju 2014 iddedikat għall-promozzjoni tal-kapital uman. Huwa estremament importanti, speċjalment għall-komunitajiet kostali dipendenti fuq l-attivitajiet tas-sajd, li jkunu jistgħu jippromwovu l-integrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa ġodda.*

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-ġbir u ***l-ipproċessar*** tad-data għall-finijiet xjentifiċi u tal-ġestjoni tas-sajd | Il-ġbir***, l-ipproċessar*** u ***d-disseminazzjoni*** tad-data għall-finijiet xjentifiċi u tal-ġestjoni tas-sajd |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-data qed tixtered dejjem aktar sabiex tħeġġeġ lill-atturi lokali u lill-ħaddiema fis-settur tas-sajd jipparteċipaw fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-FEMS.*

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-FEMS jista' jappoġġa l-ġbir, il-ġestjoni ***u*** l-użu tad-data għall-ġestjoni tas-sajd u għal finijiet xjentifiċi, kif previst fl-Artikolu 25(1) u (2) u fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u speċifikat ukoll fir-Regolament (UE) Nru 2017/1004, abbażi tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 2017/1004. | 1. Il-FEMS jista' jappoġġa l-ġbir, il-ġestjoni***, l-ipproċessar,*** l-użu ***u d-disseminazzjoni*** tad-data għall-ġestjoni tas-sajd u ***tal-akkwakultura*** għal finijiet xjentifiċi, kif previst fl-Artikolu 25(1) u (2) u fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u speċifikat ukoll fir-Regolament (UE) Nru 2017/1004, abbażi tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 2017/1004. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-data qed tixtered dejjem aktar sabiex tħeġġeġ lill-atturi lokali u lill-ħaddiema fis-settur tas-sajd jipparteċipaw fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-FEMS.*

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 21* | ***imħassar*** |
| ***Kumpens għall-ispejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura*** | |
| ***1. Il-FEMS jista' jappoġġa l-kumpens ta' spejjeż addizzjonali mġarrba mill-benefiċjarji fl-oqsma tas-sajd, tal-farming, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 6(2).*** | |
| ***2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina, skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 7, għar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1, il-lista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-kwantità ta' dawk il-prodotti eliġibbli għall-kumpens.*** | |
| ***3. Meta jistabbilixxu l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-*** | |

***fatturi kollha rilevanti, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiżguraw li l-kumpens ikun kompatibbli kompletament mar-regoli tal-PKS.***

***4. Il-kumpens ma għandux jingħata għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura:***

***a) li jinqabdu minn bastimenti ta' pajjiżi terzi, bl-eċċezzjoni tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela u li joperaw fl-ibħra tal-Unjoni, bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565[31];***

***b) li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux irreġistrati f'port ta' wieħed mir-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1;***

***c) li jiġu importati minn pajjiżi terzi.***

***5. Il-punt (b) tal-paragrafu 4 ma għandux japplika jekk il-kapaċità eżistenti tal-industrija tal-ipproċessar fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat taqbeż il-kwantità ta' materja prima fornita.***

***6. Biex ikun evitat kumpens żejjed, il-kumpens li jitħallas lill-benefiċjarji li jwettqu l-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafu1 fir-reġjuni ultraperifiċi jew li jkunu sjieda ta' xi bastiment irreġistrat f'port f'wieħed minn dawn ir-reġjuni, irid iqis:***

***a) għal kull prodott jew kategorija ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura, l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati; et***

***b) kwalunkwe tip ieħor ta' intervent pubbliku li jaffettwa l-livell ta' spejjeż addizzjonali.***

***7. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 52, li jistabbilixxu l-kriterji għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati.***

---

*31Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 tal-14 ta' Settembru 2015 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża (ĠU L 244, 14.09.2015, p. 55).***

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet kollha relatati mar-reġjuni ultraperiferiċi huma miġbura fil-Kapitolu 5a ġdid.*

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) il-kumpens lis-sajjieda għall-ġbir ta' rkaptu tas-sajd mitluf u għall-iskart li jinġabar mill-baħar; | a) il-kumpens lis-sajjieda għall-ġbir ta' rkaptu tas-sajd mitluf u għall-iskart li jinġabar mill-baħar ***u wkoll għall-ġbir tas-sargassu komuni fir-reġjuni ultraperiferiċi kkonċernati***; |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) l-investiment fil-portijiet biex dawn ikunu jipprovdu faċilitajiet ta' akkoljenza għall-irkaptu mitluf u għall-iskart li jinġabar mill-baħar; | b) l-investiment fil-portijiet biex dawn ikunu jipprovdu faċilitajiet ta' akkoljenza għall-irkaptu mitluf u għall-iskart ***tal-baħar, kif ukoll il-qbid mhux mixtieq kif imsemmi fl-Artikou 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li*** li jinġabar mill-baħar; |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) l-azzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis, b'mod partikolari tal-plastiks, ta' żoni portwarji, kostali u tas-sajd tal-Unjoni.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-protezzjoni tal-ispeċijiet skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE, skont l-oqfsa ta' azzjonijiet ***prijoritarizzati*** stabbiliti skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/43/KEE. | (f) il-protezzjoni tal-ispeċijiet skont id-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE, skont l-oqfsa ta' azzjonijiet ***ta' prijorità*** stabbiliti skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/43/KEE***, u l-protezzjoni tal-ispeċijiet kollha protetti minn CITES (Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu), u/jew inklużi fil-Lista Ħamra tal-IUCN (Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura)***. |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-investiment fl-akkwakultura produttiva skont dan l-Artikolu jista' jingħata l-appoġġ ***biss permezz tal-istrumenti*** finanzjarji previsti fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u permezz tal-InvestEU, bi qbil mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament. | 3. L-investiment fl-akkwakultura produttiva skont dan l-Artikolu jista' jingħata l-appoġġ ***permezz ta' għotjiet jew strumenti*** finanzjarji previsti fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u permezz tal-InvestEU, bi qbil mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-FEMS jista' jappoġġa l-azzjonijiet li jgħinu biex jinkisbu l-għanijiet tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kif previst fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u kif speċifikat ukoll fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013. ***Jista' jappoġġa wkoll azzjonijiet li jippromwovu l-kummerċjalizzazzjoni, il-kwalità u l-valur miżjud tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.*** | Il-FEMS jista' jappoġġa l-azzjonijiet li jgħinu biex jinkisbu l-għanijiet tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kif previst fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u kif speċifikat ukoll fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013. |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan ġie ttrasferit għall-paragrafu suċċessiv iddedikat lill-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni.*

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1) Il-FEMS għandu jappoġġa wkoll il-miżuri li għandhom l-għan li jippromwovu l-kummerċjalizzazzjoni, il-kwalità u l-valur miżjud tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. B'mod partikolari, il-FEMS għandu jappoġġa l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni tat-turiżmu tas-sajd sostenibbli, li għandhom valur miżjud fil-ħolqien tal-impjiegi, id-diversifikazzjoni tad-dħul u l-iżvilupp tat-turiżmu u l-attivitajiet ekonomiċi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-FEMS il-ġdid għandu jappoġġa s-sajd rikreattiv peress li jista' jkun importanti għall-*

*ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku għal sajjieda żgħar u għal komunitajiet kostali żgħar.*

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 24b*** |
| | ***Netwerk ta' Informazzjoni Statistika dwar l-Akkwakultura*** |
| | ***1. Il-FEMS jista' jappoġġa l-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data għall-ġestjoni tal-akkwakultura kif previst fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 34(1) u fl-Artikolu 34(5) u l-punt (d) tal-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-istabbiliment tan-Netwerk ta' Informazzjoni Statistika dwar l-Akkwakultura (ASIN-RISA) u pjanijiet ta' ħidma nazzjonali għall-implimentazzjoni tiegħu.*** |
| | ***2. B'deroga mill-Artikolu 2, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jingħata wkoll għal operazzjonijiet li jitwettqu barra t-territorju tal-Unjoni.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dwar il-proċeduri, il-format u l-iskedi ta' żmien għall-ħolqien tan-netwerk ASIN-RISA msemmi fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 53(2).*** |
| | ***4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li japprovaw jew jemendaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmijin fil-paragrafu 1 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena qabel dik li minnha jkun se jibda japplika l-pjan ta' ħidma nazzjonali.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-FEMS jista' jappoġġa wkoll l-investimenti fl-innovazzjoni fl-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll il-promozzjoni ta' sħubijiet bejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-korpi xjentifiċi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ħtiġijiet tal-innovazzjoni fit-trattament tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma reali, pereżempju biex jitħeġġeġ it-turiżmu diġitali u t-turiżmu tas-sajd. Madankollu, dan l-objettiv mhuwiex espressament imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1380/2013.*

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 25 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jingħata biss permezz tal-istrumenti finanzjarji previsti fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni] u permezz tal-InvestEU, bi qbil mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-FEMS jista' jappoġġa l-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data biex jiżdied l-għarfien dwar l-istat tal-ambjent tal-baħar, bil-għan li: | Il-FEMS jista' ***wkoll*** jappoġġa l-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data biex jiżdied l-għarfien dwar l-istat tal-ambjent tal-baħar, |

bil-għan li:

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c – sottopunt i (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***i) żieda fid-data affidabbli disponibbli dwar il-qabdiet rikreattivi.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 27 – paragrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Il-FEMS jista' jappoġġa r-riċerka dwar l-ambjenti u l-qigħan tal-baħar, dwar il-kartografija tal-qigħan tal-baħar, u dwar il-karatterizzazzjoni ta' oċeani u tal-qigħan tal-baħar.*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 29a*** |
| | ***Protezzjoni tan-natura u tal-ispeċijiet*** |
| | ***Il-FEMS għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' protezzjoni tan-natura fi ħdan il-qafas tal-Karta Dinjija tan-Natura tan-NU, u b'mod partikolari tal-Artikoli 21, 22, 23 u 24 tagħha.*** |
| | ***Il-FEMS għandu jappoġġa wkoll azzjonijiet immirati lejn il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni volontarja, kemm mal-korpi, l-organizzazzjonijiet, l-organiżmi u*** |

***l-istituzzjonijiet internazzjonali u kemm bejniethom, għall-akkomunament ta' riżorsi sabiex jiġu miġġielda s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, il-qbid illegali tal-ispeċijiet tal-baħar u l-massakru tal-ispeċijiet meqjusa bħala "predaturi" tal-istokkijiet tal-ħut.***

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 29b*** |
| | ***Tindif tat-tniġġis tal-oċeani*** |
| | ***Il-FEMS għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jippermettu t-tindif tal-ibħra u tal-oċeani minn kull tip ta' skart u bi prijorità mill-plastiks, mill-"kontinenti tal-plastik", u minn skart perikoluż jew radjuattiv.*** |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Titolu V – Kapitolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***KAPITOLU Va*** |
| | ***Reġjuni Ultraperiferiċi*** |
| | ***Artikolu 29a*** |
| | ***Riżorsi baġitarji*** |
| | ***1. Għall-operazzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi, kull Stat Membru kkonċernat, fl-appoġġ finanzjarju tiegħu mill-Unjoni stabbilit fl-Anness V, għandu jalloka mill-inqas:*** |
| | ***a) EUR 114 076 262 bil-prezzijiet kostanti tal-2018 (jiġifieri, EUR 128 566 125 bil-prezzijiet attwali) għall-Azores u l-Madeira;*** |

***b) EUR 91 708 367 bil-prezzijiet kostanti tal-2018 (jiġifieri, EUR 103 357 081 bil-prezzijiet attwali) għall-Gżejjer Kanarji;***

***c) EUR 146 509 709 bil-prezzijiet kostanti tal-2018 (jiġifieri, EUR 165 119 239 bil-prezzijiet attwali) għal Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Réunion u Saint-Martin.***

***2. Kull Stat Membru għandu jiddetermina l-parti tal-pakketti finanzjarji fil-limitu ta' 70 % tal-allokazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, allokati għall-kumpens imsemmi fl-Artikolu 29.***

***3. Bħala deroga mill-Artikolu 9(8) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru [ir-Regolament li jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Komuni], u sabiex jitqiesu kundizzjonijiet li qed jinbidlu, l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw b'mod annwali l-lista u l-kwantitajiet ta' prodotti tas-sajd eliġibbli u l-livell tal-kumpens imsemmi fl-Artikolu 29c, sakemm jiġu rrispettati l-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.***

***L-aġġustamenti għandhom ikunu possibbli biss sal-punt li jikkomplementaw il-pjanijiet ta' kumpens ta' reġjun ieħor tal-istess Stat Membru. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar l-aġġustamenti bil-quddiem.***

***Artikolu 29b***

***Pjan ta' Azzjoni***

***L-Istati Membri kkonċernati għandhom iħejju, bħala parti mill-programm tagħhom, pjan ta' azzjoni għal kull wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom, li għandu jinkludi:***

***a) strateġija għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u għall-iżvilupp ta' setturi tal-ekonomija blu sostenibbli;***

***b) deskrizzjoni tal-azzjonijiet ewlenin previsti u l-mezzi finanzjarji korrispondenti, partikolarment:***

***i) l-appoġġ strutturali għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura skont it-Titolu II;***

***ii) il-kumpens għall-ispejjeż addizzjonali msemmija fl-Artikolu 29c, inklużi l-ammonti ta' spejjeż addizzjonali kkalkolati mill-Istat Membru kkonċernat u l-ammonti ta' għajnuna stmati bħala kumpens;***

***iii) kull investiment ieħor fl-ekonomija blu sostenibbli meħtieġ biex jinkiseb żvilupp kostali sostenibbli.***

***Artikolu 29c***

***Kumpens għal spejjeż addizzjonali***

***1. Il-FEMS jista' jappoġġa l-kumpens ta' spejjeż addizzjonali mġarrba mill-benefiċjarji fl-oqsma tas-sajd, tat-trobbija, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni ultraperiferiċi.***

***2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina, skont il-kriterji definiti fil-paragrafu 7, għar-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1, il-lista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll il-kwantità ta' dawk il-prodotti eliġibbli għall-kumpens.***

***3. Meta jistabbilixxu l-lista u l-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-fatturi kollha rilevanti, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiżguraw li l-kumpens ikun kompatibbli kompletament mar-regoli tal-PKS.***

***4. Il-kumpens ma għandux jingħata għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura:***

***(a) li jinqabdu minn bastimenti ta' pajjiżi terzi, bl-eċċezzjoni tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela***

***u li joperaw fl-ibħra tal-Unjoni, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565[1a];***

***(b) li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux irreġistrati f'port ta' wieħed mir-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1; (c) li jinqabdu minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni rreġistrati fil-port ta' wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi bħal dawk msemmija fil-paragrafu 349 iżda li ma joperawx f'dak ir-reġjun; (d) li jiġu importati minn pajjiżi terzi.***

***5. Il-punt (b) tal-paragrafu 4 ma għandux japplika jekk il-kapaċità eżistenti tal-industrija tal-ipproċessar fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat taqbeż il-kwantità ta' materja prima fornita.***

***6. Il-kumpens li jitħallas lill-benefiċjarji li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 fir-reġjuni ultraperiferiċi jew li jkunu sjieda ta' xi bastiment irreġistrat f'port f'wieħed minn dawn ir-reġjuni u jopera fih, irid iqis:***

***a) għal kull prodott jew kategorija ta' prodotti tas-sajd jew tal-akkwakultura, l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati; u***

***b) kwalunkwe tip ieħor ta' intervent pubbliku li jaffettwa l-livell tal-ispejjeż addizzjonali.***

***7. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 52, bil-għan li jiġu stabbiliti kriterji għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni kkonċernati.***

***Artikolu 2d***

***Tiġdid tal-flotot u miżuri assoċjati***

***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16 tal-FEMS jista', fir-reġjuni ultraperiferiċi, jagħti appoġġ waqt l-operazzjonijiet li ġejjin sabiex isaħħaħ is-sikurezza tal-persuni u l-kundizzjonijiet***

***tax-xogħol tagħhom fuq il-baħar, jiġu rrispettati l-istandards Ewropej fir-rigward tal-iġjene, jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u tittejjeb l-effikaċja ambjentali.***

***1. ix-xiri ta' bastimenti ta' sostituzzjoni jew bastimenti ġodda li għalihom il-benefiċjarju għandu:***

***a) jirrispetta l-limiti tal-kapaċità tas-sajd awtorizzata,***

***b) jiżgura s-sostenibbiltà soċjali, ekoloġika u ekonomika tas-sajd u jippermetti li jinkiseb l-objettiv ta' rendiment massimu sostenibbli (MSY);***

***c) jimpenja ruħu li jipprovdi lill-awtoritajiet ta' kontroll u għal skopijiet xjentifiċi, data dettaljata dwar il-kompożizzjoni tal-qabdiet ippjanati u dawk inċidentali mhux mixtieqa. Dan jista' jinkludi l-installazzjoni ta' sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ;***

***d) jibqa' reġistrat fir-reġjun ultraperiferiku għal mill-inqas 15-il sena mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna;***

***e) iħott l-art il-qabdiet kollha tiegħu f'reġjun ultraperiferiku.***

***2. ix-xiri jew l-immodernizzar ta' magna li tista' taqbeż il-qawwa tal-magna attwali jekk dan ikun debitament ġustifikat għal raġunijiet ta' sikurezza fuq il-baħar u mingħajr ma jiżdied l-isforz tas-sajd.***

***3. ir-rinnovament tal-gverta tal-injam ta' bastiment tas-sajd, meta dan ikun meħtieġ għar-raġunijiet tat-titjib tas-sikurezza marittima, skont kriterji tekniċi oġġettivi tal-arkitettura navali;***

***4. il-kostruzzjoni u l-immodernizzar tal-portijiet, l-infrastruttura tal-portijiet, is-siti ta' żbark, is-swali tal-irkant, it-tarzni u l-garaxxijiet tal-bini tal-bastimenti u tat-tiswija tal-vapuri li jkunu jinsabu fil-portijiet tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi biss jekk dan jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta'***

***sajd sostenibbli u selettiv fir-reġjuni ultraperiferiċi;***

***5. l-istudju ta' stabbiltà u l-linji gwida tekniċi għad-disinn tal-mekkaniżmi tat-tmien jew it-tagħmir ta' propulsjoni.***

***6. arranġamenti kollettivi għal ħut ikkonċentrat fir-reġjuni ultraperiferiċi biss jekk jikkontribwixxu għal sajd sostenibbli u selettiv.***

***Artikolu 29(e)***

***Netwerk ta' informazzjoni statistika dwar l-istokkijiet tal-ħut fir-reġjuni***

***ultraperiferiċi (ORFSN)***

***1. Il-FEMS jista' jappoġġa l-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-reġjuni ultraperiferiċi, kif previst fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ħolqien ta' netwerk ta' informazzjoni statistika dwar l-istokkijiet tal-ħut u l-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali għall-implimentazzjoni tiegħu sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-rendiment massimu sostenibbli kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.***

***2. B'deroga mill-Artikolu 2, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jingħata wkoll għal operazzjonijiet li jitwettqu barra t-territorju tal-Unjoni.***

***3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw ir-regoli dwar il-proċeduri, il-format u l-iskedi ta' żmien għall-ħolqien tan-network ORFSN imsemmi fil-paragrafu 1. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 53(2).***

***4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li japprovaw jew jemendaw il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmijin fil-paragrafu 1 sal-31 ta' Diċembru tas-sena qabel dik li minnha jkun se jibda japplika l-pjan ta'***

***ħidma nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 53(2).***

***Artikolu 35f***

***Għajnuna mill-Istat***

***1. Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tat-TFUE, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operattiva fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE fis-setturi tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, bl-għan li jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi f'dawk ir-reġjuni bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità u l-periferiċità tagħhom.***

***2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kumpens imsemmija fl-Artikolu 29c. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li hija tista' tapprova skont dan ir-Regolament bħala parti minn dawk il-pjanijiet. L-għajnuna mill-Istat innotifikata b'dan il-mod għandha titqies bħala nnotifikata skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***

***Artikolu 29g***

***Reviżjoni - POSEI***

***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu qabel it-tmiem tal-2023 u, jekk ikun meħtieġ, tressaq proposti xierqa. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-possibbiltà li toħloq Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI) għal kwistjonijiet marittimi u***

***tas-sajd.***

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 42 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-FEMS għandu jappoġġa l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar is-suq għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru1379/2013. | Il-FEMS għandu jappoġġa l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar is-suq għal prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013***, b'mod partikolari bil-finanzjament tan-netwerk ASIN-RISA u n-Netwerk ta' Informazzjoni Statistika dwar l-istokkijiet tal-ħut fir-reġjuni ultraperiferiċi (ORFSN) kif imsemmi fl-Artikolu 29d***. |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) tal-promozzjoni ta' governanza u ġestjoni integrati tal-politika marittima, anki permezz tal-ippjanar spazjali marittimu, ta' strateġiji tal-baċiri tal-baħar ***u l-kooperazzjoni*** reġjonali marittima; | (b) tal-promozzjoni ta' governanza u ġestjoni integrati tal-politika marittima, anki permezz tal-ippjanar spazjali marittimu, ta' strateġiji tal-baċiri tal-baħar***, tal-kooperazzjoni*** reġjonali marittima***, tal-istrateġiji makroreġjonali tal-Unjoni u tal-kooperazzjoni transfruntiera***; |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 43 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) tal-appoġġ għal miżuri għall-protezzjoni u l-kisba mill-ġdid tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar u kostali, l-għoti ta' kumpens lis-sajjieda*** |

***għall-ġbir ta' rkaptu tas-sajd mitluf jew skart fil-baħar.***

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mad direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent*

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 45a*** |
| | ***Tindif tat-tniġġis tal-oċeani*** |
| | ***Il-FEMS għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jippermettu t-tindif tal-ibħra u tal-oċeani minn kull tip ta' skart u bi prijorità mill-plastiks, mill-"kontinenti tal-plastik", u minn skart perikoluż jew radjuattiv.*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 45b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 45b*** |
| | ***Protezzjoni tan-natura u tal-ispeċijiet*** |
| | ***Il-FEMS għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' protezzjoni tan-natura fi ħdan il-qafas tal-Karta Dinjija tan-Natura tan-NU, u b'mod partikolari tal-Artikoli 21, 22, 23 u 24 tagħha.*** |
| | ***Il-FEMS għandu jappoġġa wkoll azzjonijiet immirati lejn il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni volontarja, kemm mal-korpi, l-organizzazzjonijiet, l-organiżmi u l-istituzzjonijiet internazzjonali u kemm bejniethom, għall-akkomunament ta' riżorsi sabiex jiġu miġġielda s-sajd*** |

| | |
|---|---|
| | ***illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, il-kaċċa illegali tal-ispeċijiet tal-baħar u l-massakru tal-ispeċijiet meqjusa bħala "predaturi" tal-istokkijiet tal-ħut.*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 51 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru jew f'pajjiż terz elenkat fil-programm ta' ħidma taħt il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 3 u 4; | a) entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru***, f'pajjiż jew territorju extra-Ewropej*** jew f'pajjiż terz elenkat fil-programm ta' ħidma taħt il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 3 u 4; |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd |
| **Referenzi** | COM(2018)0390 – C8-0270/2018 – 2018/0210(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH<br>2.7.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>2.7.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Younous Omarjee<br>20.6.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.10.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 13.12.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 23<br>–: 0<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pascal Arimont, Victor Boştinaru, Rosa D'Amato, Aleksander Gabelic, Iratxe García Pérez, Krzysztof Hetman, Ivan Jakovčić, Marc Joulaud, Sławomir Kłosowski, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Mirosław Piotrowski, Stanislav Polčák, Terry Reintke, Liliana Rodrigues, Fernando Ruas, Ruža Tomašić, Ramón Luis Valcárcel Siso, Monika Vana, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Damiano Zoffoli |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jude Kirton-Darling, Emmanuel Maurel |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 23 | + |
|---|---|
| ALDE | Ivan Jakovčić, Iskra Mihaylova, Matthijs van Miltenburg |
| ECR | Sławomir Kłosowski, Ruža Tomašić |
| EFDD | Rosa D'Amato |
| GUE/NGL | Emmanuel Maurel |
| PPE | Pascal Arimont, Krzysztof Hetman, Marc Joulaud, Lambert van Nistelrooij, Andrey Novakov, Stanislav Polčák, Fernando Ruas, Ramón Luis Valcárcel Siso |
| S&D | Victor Boştinaru, Aleksander Gabelic, Iratxe García Pérez, Jude Kirton-Darling, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Liliana Rodrigues, Damiano Zoffoli |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ECR | Mirosław Piotrowski |
| VERTS/ALE | Terry Reintke, Monika Vana |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni